## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 197/2020: **MALTA FAIRS AND CONVENTIONS CENTRE LTD (C39678M) V. DAMIAN ALLISON (KI. 507180M)**

(L-ELEMENTI TAL-EXCEPTIO INADIMPLETI CONTRACTUS U L-PRINCIPJU TA' INADIMPLENTI NON EST ADIMPLENDUM)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Jannar 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Malta Fairs and Conventions Centre Ltd (msejjħa "l-intimata", "il-kumpanija intimata" jew l-"MFCC") ippreżentat fis-16 ta' Ottubru 2020[1] li permezz tiegħu talbet lil Damian Allison (imsejjaħ "l-intimat") sabiex jidher quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid l-għaliex m'għandux jwieġeb għat-talba tagħha li taqra kif ġej:

> **"Illi l-intimat organizza attivita' ġewwa l-istruttura tas-soċjeta' rikorrenti Ta' Qali bl-isem ta' Malta Tatto Expo fl-2019;**
>
> **Illi għal din l-attivita' ġie redatt u iffirmat kuntratt bejn il-partijiet liema kuntratt qed jiġi anness ma' din it-talba;**
>
> **Illi l-intimat fadallu jħallas bilanċ lis-soċjeta' rikorrenti ta' tlettax -il elf disa mija disgħa u ħamsin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€13,959.28);**

---

[1] Fol 1-26

**Illi minkejja li l-intimat ġie ripetutament interpellat mis-soċjeta' esponenti sabiex iħallas l-imsemmi ammont huwa baqa inadempjenti u ma ħallasx;**

**Jgħid għalhekk l-intimat għaliex għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m'għandiex;**

1. **Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tas-soċjeta' esponenti u dan versu s-somma ta' tlettax -il elf disa mija disgħa u ħamsin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€13,959.28);**
2. **Tikkundanna lill-intimat jħallas lis-soċjeta' esponenti din is-somma u cioe tlettax -il elf disa mija disgħa u ħamsin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€13,959.28);**

**Bl-ispejjeż kollha, inkluż l-ittra uffiċjali datata Ottubru 2019 flimkien ma' l-imgħax skond il-Liġi fuq is-sorte kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt sabiex jidher għas-subizzjoni.'**

wara li rat ir-risposta tal-intimat ppreżentata fl-14 ta' Diċembru 2020[2] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

1. **'Illi in linea preliminari it-talba attrici ghandha tigi michuda u dan stante illi d-dokument li fuqa hija msejsa din il-kawza irregola hiss l-attivita Malta Tattoo Expo ghas-snin 2017 u 2018 u mhux l-attivita li giet organizzata fis-sena 2019 kif mitlub fir-rikors promotur.**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici ghanda tigi michuda u dan peress li s-socjeta' rikorrenti kienet moruza f' diverzi obbligazzjonijiet li hija kellha lejn l-intimat u ghalhekk is-somma mitluba zgur ma hijiex dovuta.**

3. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija infondata fil fatt u fid-dritt u ghalhekk ghanda tigi michuda min din l-Onorabbli Qorti u dan peress illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazjoni ta' dan ir-rikors.**

4. **Salv Eccezzjonijiet Ulterjuri**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li min issa hija ingunta għas-subizzjoni.'**

wara li qrat l-*affidavits* ippreżentati mill-partijiet,

[2] Fol 30

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2024:

- għan-nom tal-kumpanija rikorrenti mill-Avukat Dr. Karl Briffa,
- għan-nom tal-intimat mill-Avukat Dr. Clint Tabone.

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

**Daħla**

1. F'din il-kawża r-rikorrenti qed titlob mill-intimat il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta' servizzi mogħtija lilu in konnessjoni maż-żamma tal-avveniment magħruf bħala *Malta Tattoo Expo* fil-jiem ta' bejn il-Ġimgħa 11 ta' Ottubru 2019 u l-Ħadd 13 ta' Ottubru 2019 fil-*Malta Fairs and Conventions Centre* ġewwa Ta' Qali. L-intimat li huwa l-organizzatur tal-avveniment, apparti illi għamel eċċezzjoni preliminari fis-sens illi l-kawża ġiet miftuħa abbażi ta' dokument kuntrattwali li ma kienx japplika, fil-mertu iddifenda lilu nnifsu billi sostna illi l-ebda ammont m'huwa dovut għaliex ir-rikorrenti naqset fl-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali tagħha.

**Provi**

2. Fl-affidavit tagħha ppreżentat fit-3 ta' Mejju 2021, **Claire Mifsud Farrugia**[3], il-*Financial Controller* tal-kumpanija rikorrenti xehdet *inter alia* kif ġej:

   a) Hija spjegat li kienet taf lill-intimat minħabba l-Malta Tattoo Expo li kien jorganizza. Bħala regola, meta wieħed ikun ser jirriżerva l-post għall-avveniment il-kumpanija rikorrenti tieħu depożitu meta jiġi iffirmat l-kuntratt u l-bilanċ imbagħad jitħallas sa ġurnata qabel l-avveniment. Fl-2018, Damian Allison kien ħallas depożitu ta' € 4,000 xahar qabel l-avveniment u kien qalilhom li l-bqija kien se jħallsu sa l-aħħar tal-avveniment wara li huwa jkun ġabar il-flus mingħand il-klijenti. Għalkemm din ma kinitx il-proċedura li normalment huma kien isegwu bħala kumpanija huma kienu aċċettaw dan il-ftehim u dan biex ikunu ta' għajnuna għall-intimat sabiex l-avveniment ikun ta' suċċess. Spjegat kif dik is-sena hi stess

[3] Fol 43 et seq. – Dok CMF1

kienet attendiet l-avveniment kuljum sabiex tiġbor il-flus mingħand l-intimat. Il-bilanċ rimanenti kien tħallas sas-7 ta' Ottubru 2018 wara li kienet spiċċat l-expo. Qalet li huwa kien ħass li kienet qed issirlu wisq pressjoni biex iħallas u li kien jippretendi li jafdawh iżjed.

b) Ġara li fl-edizzjoni tas-sena 2018, l-entratura magħrufa bħala in-*North Entrance* kienet imblokkata b'avveniment ieħor li kien hemm fil-*parking area*, liema avveniment l-MFCC ma kienet taf xejn dwaru. Kienet saret taf biss dakinhar filgħodu, jiġifieri fis-7 ta' Ottubru 2018. Minkejja dan, għalkemm ma kienx tort tal-MFCC għax l-avveniment kien qed iseħħ fuq art pubblika, huma xorta waħda kienu taw skont ta' € 8,000 (eskluż il-VAT), maqsum fi tnejn, fejn € 6,000 (eskluż il-VAT) kienu ser jiġu ridotti mill-bilanċ dovut fis-sena 2018 u € 2,000 (eskluż il-VAT) kienu ser jiġu ridotti mill-prezz finali dovut għas-sena 2019.

c) Spjegat kif fis-sena 2019 Damian Allison kien qalilhom li seta' jħallas il-bilanċ kollu fl-aħħar tal-avveniment u għalhekk ix-xhud kienet preżenti sabiex tiġbor il-pagament fl-aħħar siegħat tal-aħħar ġurnata, ossia il-Ħadd 13 ta' Ottubru 2019. Il-pagament li kien sar kien ta' € 15,560 u għalhekk kien għad fadal bilanċ ta' €13,959.28. Kien spjegalha li ma kellux *cash* biżżejjed għaliex ħafna klijenti kienu ħallsu *online*, u għalhekk kellu bżonn ftit żmien sakemm il-fondi jiġu rilaxxati mill-bank. Huwa qatt ma semmielha li kien hemm xi problemi jew li dan il-bilanċ ma kienx se jitħallas. Anzi kien qalilha li huma kienu bnew relazzjoni kummerċjali tajba u għalhekk ftehmu li kienu ser jiltaqgħu fil-jiem segwenti sabiex jitħallas il-bilanċ. Kien biss meta imbagħad staqsewh għall-pagament illi qalilhom li kien hemm ħafna tgergir waqt l-avveniment.

d) Għalhekk kienet saret laqgħa flimkien ma' Ms. Anita Mifsud, ossia s-CEO tal-MFCC u Mr. Eric Bartoli, s-sales manager ta' MFCC, sabiex jiddiskutu dawn il-problemi li kienu inqalgħu. Huwa baqa' jinsisti li ma kienx se jagħmel il-pagament dovut u għalhekk kellhom ikomplu bi proċeduri legali.

3. Fil-11 ta' April 2022 l-istess **<u>Claire Mifsud Farrugia</u>**[4] xehdet in kontro-eżami fejn kkonfermat li l-ewwel darba li iltaqat ma' l-intimat kien propju fil-Malta Tattoo Expo tass-sena 2017 u mhux fl-2018 kif kienet iddikjarat bi żball fl-affidavit tagħha:

---

[4] Fol 81G et seq.

a) Mistoqsija dwar il-problema tal-*internet* ix-xhud ftakret li l-*vouchers* tal-internet kellhom il-ħin tagħhom li jiskadi f'nofsinhar minflok f'nofsillejl u meta ġara dan kienu infurmaw lit-tim tal-IT biex jerġa' jiftaħ l-aċċess. Hi kienet ħarġet il-*vouchers* però ma setgħetx tiftakar kienetx hi li tathom lill-intimat direttament.

b) Ftakret però li ma kinux inbiegħu ħafna *vouchers*. Spjegat kif dawn il-*vouchers* kienu karta b'kodiċi u permezz tal-infrastruttura tagħhom huma kienu jiftħu l-*bandwidth* biex wieħed seta' jillogja. Ftakret li filgħodu bdew jagħtu l-*vouchers* u li għal xi nofsinhar l-*internet* ma baqax jaħdem.

c) Murija il-kuntratt tal-avveniment[5] spjegat kif id-dokument kien ġie iffirmat għal tlett snin u fil-frattemp kienet ġiet iffirmata emenda li fiha kien ftehmu li għal darba biss MFCC kienet ser tirrinunzja għall-ħlas ta' € 7,704 rappreżentanti 642 metri kwadri ta' spazju, liema emenda kienet saret fis-sena 2019. Mistoqsija rigward kuntratt bin-numru 185009 datat 27 ta' Frar 2018 spjegat kif dan kien identiku għal kuntratt tas-sena 2017 iżda peress li l-ewwel kuntratt kien ikopri biss sentejn b'possibilita' tat-tielet sena kienu iffirmaw kuntratt ieħor sabiex ikunu legalment korretti.

d) Spjegat li l-intimat qatt ma kien ilmenta magħha dwar problemi li kellu fl-avveniment tiegħu ħlief ġranet wara l-istess avveniment fejn għajjat laqgħa għal dan l-iskop. Kien qalilha li waħda mill-problemi kienet dwar l-entratura u l-oħra kienet dik tal-internet. Hi kienet taf li sena minnhom kien hemm problema bin-*North Entrance* għaliex kien hemm avveniment ta' Puttinu Cares li imblokka l-aċċess kollu fil-parkeġġ u li ma kinitx fil-kontroll tagħhom. Is-sena ta' wara, ossia fis-sena 2019 għamlu mezz li ma terġax tinqala' din il-problema, b'dana li xorta intużat in-*North Entrance* iżda tħalla aċċess.

e) In ri-eżami ix-xhud ikkonfermat li l-ammont rimanenti x'jitħallas kien dak ta' € 13,959.28

---

[5] Fol 4- Fol 26

4. Fl-affidavit tiegħu ppreżentat fit-3 ta' Mejju 2021, **<u>Eric Bartoli</u>**[6], *Sales Manager* tal-kumpanija rikorrenti xehed *inter alia* kif ġej:

    a) Spjega li xogħolu kien li jorganizza u jippromwovi attivitajiet fl-MFCC ġewwa Ta' Qali. Huwa qal li kien ltaqa ma' Damian Allison diversi drabi minħabba l-Malta Tatto Expo sabiex jikkoordinaw l-istess fejn imbagħad kien sar kuntratt bejniethom rigward dan l-avveniment, fil-presenza tas-CEO Anita Mifsud. Dan l-avveniment kien se jkun organizzat fis-sena 2018 u fis-sena 2019, possibbilment anki fis-sena 2020. Ix-xhud iċċara li l-proċeduri jirrigwardaw is-sena 2019.

    b) Huwa kien iltaqa' mal-intimat fit-28 ta' Awissu 2019 permezz ta' *site visit* fejn kienu iddiskutew l-użu tas-*South Entrance* bħala d-daħla għall-avveniment kif ukoll fejn kellu jiġi l-*bar* għaliex kien hemm bżonn *store room* fil-viċin. Spjega kif ġeneralment kienet tintuża is-*South Entrance* bħala dħul iżda l-intimat kien garr, għaliex ipprefera li d-dħul ikun min-*North Entrance* peress li fil-fehma tiegħu din kienet aktar akkoljenti. Fl-aħħarnett, xorta waħda kien aċċetta li juża s-*South Entrance*. Sabiex jikkuntentawh però kienu għamlu xi arranġamenti sabiex ikun jista juża in-*North Entrance* bħala dħul u kienu infurmawh b'dan b'telefonata fl-24 ta' Settembru 2019. Dakinhar huwa kien irrisponda li dan kien aħjar għalih għaliex kollox kien ser jkun bħas-sena ta' qabel.  Ix-xhud spjega kif kien qal lill-intimat sabiex javża lil *caterer* u tal-*bar* b'din il-bidla iżda dan kien qallu li ma kienx hemm bżonn jagħmel peress illi l-affarijiet kienu ser ikunu bħas-sena ta' qabel. L-organizzatur kien ukoll bagħat pjanta ta' kif kien se jkun imqassam l-avveniment  liema pjanta ġiet ikkonfermata mill-intimat fejn kien jidher ċar li d-dħul kien immarkat bħala n-*North Entrance*.

    c) Spjega kif l-MFCC għandha numru ta' *emergency exists* li jkunu miftuħa il-ġurnata kollha u li ma jistgħux jiġu mblukkati minħabba raġunijiet ta' sigurtà. Minħabba in-natura tagħhom dawn ikunu dejjem mantenuti u miżmuma kif suppost. Waqt l-avveniment, MFCC ipprovdiet membru tas-sigurtà (ċertu Vince Mifsud minn *Kerber Security*) sabiex joqgħod mas-*South Gate* u ieħor li jdur mal-venue kollha. Xogħol din il-persuna ma kienx li joqgħod mal-*emergency exits* iżda li jkun hemm f'każ li tinqala emerġenza u li jħares l-interessi tal-MFCC. Spjega, kif anki

[6] Fol 56 et seq. – Dok EB1

kuntrattwalment, kienet ir-responsabbilita' tal-organiser, jiġiferi tal-intimat li jieħu ħsieb li fl-entraturi ikun hemm nies apposta sabiex jieħdu ħsieb li kulħadd iħallas il-biljett tad-dħul.

d) Qal li dakinhar tal-avveniment tal-2019 kienet inqalgħet kwistjoni għaliex fil-parkeġġ pubbliku viċin tan-*North Entrance* kien hemm avveniment ieħor. Qal li MFCC m'għandiex drittijiet fuq dan il-parkeġġ għax huwa pubbliku u li filfatt jieħdu ħsiebu Ambjent Malta. Fit-12 ta' Ottubru 2019 hu kien infurmat li Puttinu Cares kienu se jagħmlu avveniment fih biss però kellhom iħallu aċċess għall-MFCC, u mhux jagħmlu kif kienu għamlu fis-sena preċedenti (2018), fejn kienu imblukkaw dan l-aċċess. Huwa kien qal lil Gunther Micallef Decesare li imbagħad qal lil Damian Allison, li min-naħa tiegħu qallu li ma kellux problema sakemm kien se jkun hemm l-aċċess u sakemm l-viżitaturi setgħu jipparkjaw ġewwa, kif filfatt sar.

e) Ix-xhud qal li l-intimat kien infurmat ukoll li l-*emergency exits* ma setgħux ikunu magħluqin u għalhekk kienet ir-responsabbiltà tiegħu li jara li jkunu hemm nies apposta viċin tagħhom. Huwa kellu żewġ persuni bħala sigurta' ħdejn il-*cash desk* fl-entratura. Irrimarka li ma kinitx l-ewwel esperjenza tal-intimat jagħmel avveniment bħal dan  u li l-proċeduri ta' sigurta' ċertament kien jafhom.

f) Aċċenna ukoll għall-fatt li minkejja li kien hemm l-avveniment Bla Kondixin kif ukoll Il-Fiera tal-Ktieb li kienu ser jibdew fit-18 ta' Ottubru, jiġifieri ħamest ijiem wara l-avveniment tiegħu, xorta waħda ma kienx hemm provi għaddejjin. L-unika persuna mid-dipartiment tal-operat li kien qed jaħdem waqt l-expo kien Lorry Mifsud li kien qiegħed biss *stand-by*.

g) Ix-xhud ftakar kif l-intimat kien garr ukoll li tilef mill-bejgħ tal-*bar* minħabba xi magni tax-xorb li kien hemm fil-viċin ġewwa l-MFCC. Spjega kif il-post fejn jinsabu dawn il-*vending machines* hija s-*service area* li mhijiex miftuħa għan-nies, u hija magħluqa bil-barrieri, u għalhekk nies li ġew għall-expo ma kellhomx raġuni għalfejn jidħlu hemm, u lanqas setgħu jagħmlu dan.

h) Kien hemm problema oħra minħabba l-konnessjoni tal-Internet li tiġi pprovduta permezz ta'  *vouchers* li skadew f'nofsinhar tal-Ħadd, 13 ta' Ottubru 2019. Qal kif

huma mill-ewwel kienu qallu lil tal-IT u li lill-intimat kienu tawh 100 *voucher* ieħor li 65 minnhom ġew irritornati lura mhux użati.

i) Minkejja li l-intimat qal ukoll li kienu nsterqu xi affarijiet mill-*bar*, spjega kif hu qatt ma rċieva rapporti dwar dan. Dwar is-*security* li jkun qed idur is-sit, qal li dan jaqdi dmiru biss waqt l-avveniment u li wara li jitlaq kulħadd, ħadd ma jkollu aċċess għall-post. Ikun hemm biss *security* fiss fis-South Gate li jieħu ħsieb s-sigurta' wara l-ħin tal-għeluq.

j) Spjega kif il-bilanċ rimanenti sal-Ħadd filgħaxija tat-13 ta' Ottubru 2019 kien € 29,519.28 u li l-*financial controller* tal-kumpanija marret fuq il-post sabiex tiġbor il-ħlas. Dakinhar hija kienet irċeviet € 15,560 fi flus kontanti b'dana li kien għad fadal bilanċ ta' € 13,959.28. Hu kien infurmat li l-intimat kien se jħallas il-bqija tal-bilanċ l-għada wara li jiġbor il-bqija tal-flus mid-dħul tal-biljetti imħallsa bil-*credit cards.* L-intimat baqa' qatt ma informahom bl-ebda problema u dan sal-aħħar ġurnata tal-avveniment.

5. Fil-11 ta' April 2022 l-istess **<u>Eric Bartoli</u>**[7] xehed in kontro-eżami fejn *inter alia* qal dak li ġej:

a) Mistoqsi jafx jekk dik tal-2019 kienitx l-ewwel expo li kien organizza Damian Allison fl-MFCC huwa qal li setgħet kienet it-tieni jew it-tielet waħda. Ikkonferma li l-entratura li intużat fis-sena 2017 kienet is-*South Entrance*. Spjega kif fis-sena 2018 is-*South Entrance* kienet inbidlet totalment u għalhekk offrew in-*North Entrance* fejn kien hemm il-*foyer* iżda sfortunatament kienet ibbukkjata diġà. Qal li kien tkellem mas-CEO tal-kumpanija u biddlu l-booking tal-klijenti l-oħra u b'hekk setgħu joffru n-*North Entrance* lill-intimat.

b) B'referenza għall-iskont li huma kienu taw lil Damian Allison fl-ammont ta' € 8,000 huwa qal li dan kien ingħata għaliex *Puttinu Cares* kienu għamlu avveniment fil-parkeġġ il-kbir tal-Gvern u għalqu l-aċċess u għalhekk l-intimat tilef il-qliegħ. L-iskont ma kienx ingħata minħabba l-użu o meno tas-*South*

---

[7] Fol 81A et seq.

*Entrance*. Ikkonferma li oriġinarjament kienu tkellmu bejniethom biex tintuża s-*South Entrance*.

c) Rigward il-problema li kien hemm dwar nies li daħlu mill-*emergency exits* mingħajr ma ħallsu huwa qal li minkejja li l-parkeġġ ġewwa kien riżervat biss għall-artisti bħala *venue organisers* huma ma setgħux jidentifikaw min kien artist u min kien viżitatur. Rigward is-servizz tal-internet huwa spjega kif il-post fih innifsu dejjem ikollu servizz ta' Wi-FI però f'dan il-każ kien hemm bżonn konnessjoni aktar b'saħħitha u kien għalhekk li kellhom servizz apparti li wieħed seta jattiva permezz ta' *voucher scratch cards.* Dan is-servizz għamel ftit sigħat wieqaf u ċioe mingħajr din il-konnessjoni. Spjega li l-Wi-Fi normali xorta kien jaħdem u li kien ikun hemm problema fil-Wi-fi meta kien ikun hemm ħafna nies f'daqqa u mhux ftit eżibituri kif kien hemm f'dan il-każ. Mistoqsi dwar avveniment li kien qed isir ma' l-avveniment tal-intimat, huwa kkonferma li dan beda ħamest ijiem wara.

d) Mistoqsi rigward il-kuntratt eżebit mar-rikors promotur huwa kkonferma li dak kien jirriferi għall-perijodu ta' bejn is-6 ta' Ottubru sat-8 ta' Ottubru tas-sena 2017 iżda huwa deherlu li kien hemm kuntratt ieħor li ġie ffirmat warajh.

6. Fid-29 ta' April 2024 reġà xehed in kontro-eżami **Eric Bartoli**[8] fejn dan ġie mistoqsi rigward l-ispazju li ingħata lill-intimat

a) Huwa ikkonferma li l-intimat uża biss 3250 metru kwadru ta' spazju iżda sostna illi dan ġie min-naħa tiegħu għaliex ma kellux biżżejjed esibituri biex jimla l-ispazju.

b) Qal li ma kellu l-ebda involviment fil-*commissions* relatati mal-*catering*.

c) F'dak li jirrigwarda *vending machines* dawn kienu imdawrin b'barriera tal-ħadid li n-nies spiċċaw qabżu jew ċaqalqu u għalhekk kien hemm bżonn li l-intimat ikollu il-membri ta' sigurta' li jevitaw li jiġri dan.

[8] Fol 151 et seq.

d) In ri-eżami ix-xhud spjega li r-rati tal-ħlas tal-kumpanija kienu ikkalkulati bil-ġurnata u mhux skond il-kejl tal-ispazju.

7. Fit-12 ta' Mejju 2021, il-kumpanija rikorrenti ppreżentat affidavit ieħor u ċioe dak ta' **Gunther Micallef Decesare**[9] li kien inkarigat bħala s-*Sales & Marketing Manager* ta' MFCC. Dan xehed fost oħrajn kif ġej:

a) Fil-11 ta' Ottubru 2019, xogħolu kien li jieħu ħsieb kwalunkwe rikjesta li kellu l-klijent relatat mal-avveniment u qal li ma kienx hemm problemi mqajjma minn Damian Allison dakinhar.  Dakinhar filgħaxija, Eric Bartoli, li kien is-superjur tiegħu, kien qallu biex jinforma lis-Sur Allison li dakinhar tal-Ħadd 13 ta' Ottubru 2019 vetturi li kellhom bżonn jipparkjaw setgħu jagħmlu dan ġewwa l-post, u mhux barra kif miftiehem, u dan għaliex dakinhar, barra, kien ser ikun hemm attivita' għall-karita'. Xorta waħda min kien ġej għall-expo seta' jidħol minn North Entrance kif reklamat u kien ġie dirett jipparkja ġewwa l-post. Huwa spjega kif kien informa lil Damian Allison is-Sibt 12 ta' Ottubru 2019 filgħodu b'dan kollu, u dan kien qabel u kien qallu li kien ser javża lill kulħadd. Kien qallu ukoll li ma riedx aċċess ta' vetturi mis-South Entrance u dan għaliex kien jaf li ġejjin xi nies ma' sħabhom li kienu se jidħlu mingħajr ma jħallsu u għalhekk ma ried ħadd jidħol minn dan l-aċċess – u hekk sar.

b) Ftakar li kienet inqalgħet kwistjoni rigward il-*vending machines* li kien hemm fil-post. L-intimat kien qallu biex ineħħi xi magni li kienu barra mil-layout tal-expo. Damian Allison kien qallu li kien tilef il-bejgħ tal-ikel u tax-xorb minħabba li kien għad fadal *vending machines* f'partijiet oħra tal-post. Ix-xhud però spjegalu li dawk li kien fadal kienu f'parti mhux mikrija minnu u ma setgħux jitneħħew għaliex kienu għall-ħaddiema li kienu qed jarmaw għall-avveniment ieħor. Ix-xhud qallu sabiex jinkariga *security* ma' dik il-parti tal-post iżda l-intimat qallu li ma kellux biżżejjed nies sabiex jagħmel dan, minkejja li kellu żewġ *securities* mal-*cash office* fil-post tad-dħul. Għalhekk iddeċidew li jħallu kollox kif inhu u l-kwistjoni ma reġgħetx tqajjmet.

[9] Dok GMF1 – Fol 66 et seq.

c) Spjega li dak li riedu jidħlu l-expo kellhom iħallsu *entrance fee* iżda jidher li dakinhar kienu daħlu xi nies mingħajr ma ħallsu. Ftakar kif kemm hu u kemm l-intimat raw persuna dieħla mis-*service area* li evidentement ma kienitx ħallset. Għalkemm ppruvaw isibu lil din il-persuna ma rnexxilhomx u għalhekk kien qal lill-intimat sabiex jibgħat *security* mas-*service area*. Anke dan il-punt ma reġax tqajjem.

d) Kien hemm problema oħra meta instadd xi *toilet* fejn l-intimat kien ġibidlu l-attenzjoni u ħadu ħsieb mill-ewwel li isolvuha. Huwa qal li xogħolu waqaf is-Sibt 12 ta' Ottubru 2019 kmieni waranofsinhar.

8. L-istess **Gunther Micallef Decesare**[10] xehed in kontro-eżami fil-11 ta' April 2022 fejn ikkonferma li huwa kien preżenti fuq il-post kemm il-Ġimgħa filgħaxija u kemm it-Tnejn filgħodu. Dan xehed fost oħrajn kif ġej:

a) Mistoqsi jekk il-*vending machines* kienux ta' detriment għall-intimat huwa qal li ma kienx il-każ għax dawn kienu f'parti tas-sit li l-intimat ma kellux aċċess għaliha.

b) Ftakar li kien hemm mara li ppruvat tidħol mis-*service stand* li kien hemm u kien għalhekk li huwa kien wissa' lill-intimat sabiex ipoġġi membru tas-sigurta' mal-bieb tal-emerġenza. Ikkonferma li fuq rikjesta tal-intimat huwa kien għalaq l-aċċess kollu tas-*South Entrance*.

c) Għar-rigward ta' xi problemi fit-*toilets* dawn issolvew immedjatament għaliex x'ħin inġibditlu l-attenzjoni intbagħat membru minn tal-*maintenance* sabiex isolviha.

d) Huwa kkonferma li ma kienx involut fi kwalunkwe trattattivi relatati mal-kuntratt bejn il-kumpanija rikorrenti u l-intimat.

9. Fit-18 ta' Ottubru 2021 ppreżenta l-affidavit tiegħu l-intimat **Damian Allison**[11]:

---

[10] Fol 81M et seq.
[11] Fol 70b-70h – Dok DA1

a) Huwa qal li huwa kien l-organizzatur tal-*Malta Tattoo Expo*, avveniment li kien ħoloq huwa stess u li bdieh fis-sena 2014. Spjega kif dan kien avveniment maqsum fuq tlett ijiem b'artisti lokali u barranin li jagħmlu t-tattoos live, kif ukoll ikun hemm kompetizzjonijiet bejniethom. Dan l-avveniment attira attrazzjonijiet oħrajn bħal *wrestling matches*, wirjiet tal-arti, wirjiet tal-karozzi eċċ... u għalhekk dejjem kien ikun hemm xi ħaġa differenti kull sena.

b) Għal diversi snin din ġiet sponsorjata mill-MTA. Spjega kif l-ewwel edizzjoni kienet saret ġewwa The Diamond f'Ħal Qormi iżda tant marru tajjeb li kien hemm bżonn post akbar is-sena ta' wara. L-edizzjonijiet tas-sena 2015 u 2016 saru ġewwa l-InterContinental/Eden Ice Arena iżda sas-sena ta' wara xorta waħda kellhom bżonn post akbar.

c) Għalhekk fis-sena 2017 kien inħass il-bżonn li l-expo tiġi organizzata ġewwa l-MFCC minħabba li kienet l-akbar *indoor venue* ġewwa Malta u hekk sar, u kollox mar sew. Qal kif l-MFCC kien qed ifittxu li jkabbru l-attivitajiet organizzati fl-MFCC u l-Eden Ice Arena kien l-akbar kompetitur tagħhom. Dik is-sena huwa kellu aktar minn 100 artist minn 15-il pajjiż differenti. Mill-ewwel ġurnata huwa dejjem ried is-*South Entrance* bħala dħul għax dik kienet l-entratura l-aktar magħrufa u infatti qal li kienet ukoll riflessa fil-kuntratt.

d) Fis-sena 2018 kellu l-problemi għaliex ġie infurmat fl-aħħar mument illi d-dħul kien se jsir minn entratura oħra minħabba attivita' oħra li kellhom, u għalhekk kellhom ikabbru t-tinda u jmexxu l-entratura 'l quddiem. Irrispettivament mill-fatt jekk hu kienx kuntent bid-deċiżjoni, ix-xogħol kompla għaliex kien fadal biss xahar għall-avveniment u għalhekk ma kienx ħa passi. Minħabba dan il-kambjament fl-entratura spjega kif il-viżitaturi bdew jintilfu u għalhekk membru tas-sigurta' kellu kontinwament jidderieġi lin-nies. Minħabba li ma kien hemm ebda mod ta' kif tqassar sabiex tasal għan-*North Entrance* in-nies kellhom mixja twila fix-xemx u għalhekk waslu għarqan xraba u rrabjati. Kien hemm minnhom li ipparkjaw fil-*parking area* tan-North Entrance. Huwa kien irrabja għaliex l-avveniment tiegħu kien wieħed ta' divertiment u minflok l-familji bdew jaslu b'ħafna skariġġ. Fit-tielet ġurnata tal-avveniment hu kien mar kmieni kif dejjem kien jagħmel biex jipprepara qabel ma jaslu n-nies u hu stess ma setax jidħol minħabba li l-entratura kienet imblukkata b'wirja ta' trakkijiet kbar u *crane* fil-

parkeġġ. Huwa għalhekk qal li kellu jsuq sa entratura żgħira viċin *store room* li normalment tintuża minn staff u fornituri. Huwa mill-ewwel kien kellem lir-rappreżentanti tal-MFCC sabiex jgħidilhom li l-entratura kienet imblukkata u sa fejn kien jaf hu kienu għamlu kuntatt mal-organizzaturi tal-avveniment li kien qed jinżamm fil-parkeġġ u huma aċċettaw li jiftħu passaġġ dejjaq, imma din kienet ħolqot konfużjoni kbira li ħadet fit-tul biex tissolva. MFCC ħadu responsabbilita' għal dan l-ingombru u kienu tawh skont ta' € 8,000 + VAT li kienu qasmuhom f' € 6,000 għall-avveniment tas-sena 2019 u € 2,000 għas-sena ta' wara bil-kundizzjoni li l-avveniment tas-sena 2019 kellu jerġa' jsir l-MFCC. Huwa kien aċċetta bil-kundizzjoni li ma jkun hemmx problemi u li jingħata s-*South Entrance* bħala entratura hekk kif kien hemm miktub fil-kuntratt.

e) MFCC kienu aċċettaw l-ħlas għall-expo tas-sena 2018 mill-ewwel, l-istess bħal ma kien ġara fis-sena 2017.

f) Spjega li mill-ewwel sena li ħadem mal-MFCC hu kien jaf li kellhom *policy* li ma jħallux terzi persuni ifornu ikel u xorb, u li wieħed seta juża biss lill-Corinthia Caterers għaliex it-tnejn kienu parti minn Corinthia Group. Huwa kien ħa gost b'din il-ħaġa għaliex ma kellux għalfejn joqgħod jieħu ħsieb isib l-ikel apparti li skond il-kuntratt stess huwa kien jitħallas € 5,000 mingħand Corinthia Caterers bħala *commission.* Dan l-arranġament baqa' fis-seħħ għal sentejn (ossia 2017 u 2018) mingħajr problemi. Ġara li fis-sena 2019 l-MFCC biddlu l-*policy* tagħhom rigward l-ikel u huwa kien ilmenta dwar dan għaliex kien ser jidħol f'ħafna aktar spejjeż b'telf ta' € 5,500 u bi ħtieġa li jagħmel żewġ *bars* bl-istaff u l-provvisti kollha (għal spejjeż ulterjuri ta' € 2,500). Il-*commission* li soltu kien jieħu mingħand Farsons ta' € 3,000 spiċċa li kellu jieħdu fi stock u mhux fi flus. Il-*vending machines* xorta waħda tħallew jaħdmu u kienu biss ftit metri bogħod mit-*toilets* u għalhekk in-nies bdew jixtru minn hemm. Huwa qal kif ikkalkula li tilef ċirca € 7,500 mill-bar. Huwa kien qabbad ċertu Karl Mallia sabiex jagħmel l-ikel li ukoll tilef il-bejgħ ħabba l-*vending machines* tant li kellu jnaqqaslu € 500 minn dak il-prezz li oriġinarjament kienu ftehmu.

g) Qal li għall-avveniment tal-2019 l-MFCC kienu infurmawh li kien hemm organizzatur ieħor ta' ċertu portata li ried l-istess dati li kellu huwa u għalhekk offrewlu skont sabiex iċedi dawn id-dati. F'kas li ma kienx se jaċċetta kienu ser jikkanċellawlu l-avveniment. Fit-28 ta' Awwissu 2019, hu flimkien ma' Karl

Mallia mar jżuru l-MFCC fejn dawwarhom ċertu Eric Bartoli. Fl-4 ta' Settembru 2019 spjega kif kien ċempillu Eric Bartoli u qallu li kienu se jbiddlu l-entratura tal-avveniment għal dik tan-*North Entrance*, li hija inqas magħrufa man-nies. Hu stess kien qallu li din kienet kuntrattwalment riżervata għal ħaddieħor (għal avveniment ieħor) iżda ma kellux għalfejn jinkwieta għaliex il-*parking area* quddiem in-*North Entrance* ma setgħetx tiġi imblukkata. Din kienet it-tielet bidla li l-MFCC kienu għamlulu u għalhekk kien iffrustrat ħafna. Il-pubbliku ġie infurmat bil-mezzi soċjali, iżda kien kollu għalxejn.

h) Fit-tieni jum tal-avveniment Gunther Micallef Decesare kien infurmah li kienet ser tittella wirja tat-trakkijiet l-għada l-Ħadd ġewwa l-parkeġġ tan-*North Entrance*. Qal li wara li lmenta dwar dan kien sempliċiment irċieva skuża mingħand Eric Bartoli. Il-passaġġ dejjaq li tħalla għall-aċċess kien jagħti għal ġo l-MFCC, fejn tħallew jidħlu l-eżebituri, iżda bdew jidħlu ukoll il-viżitaturi mill-bibien tal-emerġenza mingħajr ma jħallsu. Spjega kif kien ta struzzjonijiet lill-membru tas-sigurta' tiegħu sabiex jara li kulħadd kellu l-brazzuletta tal-ħlas, iżda ġara li meta huwa kien joqrob lejhom, nies li ma kinux ħallsu, kienu jidħlu fil-folla. Dawk li inqabdu għalkemm kienu ġew diretti lejn il-*front desk* sabiex jixtru biljett, kienu qed jagħmlu xenata u jitilqu.

i) Problema oħra kienet il-konnessjoni tal-internet riżervata għall-artisti. Huma kien xtraw *vouchers* u kull artist ingħata wieħed għall-aċċess ta' tlett ijiem. F'nofsinhar tat-tielet jum dawn skadew u għalhekk huwa kien għamel kuntatt ma' Claire Mifsud fejn qaltlu li l-membri tal-IT ma kinux jaħdmu l-Ħadd. Qal li spiċċa li kellu jdur mal-esebituri u jqabbadhom mal-*mobile plan* personali tiegħu u dan ħoloq inkonvenjent kbir għaliex kienu qed jippruvaw ilestu t-tpinġija tagħhom għall-kompetizzjoni li kienet qed issir dakinhar.

j) Kien hemm ukoll għargħar fit-toilets li kienet problema għall-finijiet ta' iġjene, reputazzjoni u anki għaliex id-Direttorat tas-Saħħa Pubblika kienu bagħtu l-uffiċjali tagħhom jagħmlu l-ispezzjonijiet tagħhom.

k) Wara li għadda l-avveniment innota li ma kinux ingħataw l-ispazju miftiehem ta' 4000 metru kwadru, iżda spazju ta' 3250 metru kwadru, liema spazju jirriżulta li ingħata lill-Fiera tal-Ktieb u li għalih għalhekk ħallas € 6,562 żejda.

l) Claire Mifsud u Eric Bartoli kienu marru jiġbru l-ħlas il-Ħadd filgħaxija u mill-ewwel meta mistoqsi kienx marx kollox sew, huwa kien aċċenna għall-problemi li kellu. Eric Bartoli kien telaq u Claire Mifsud kienet ħadet lilu u lill-mara tiegħu Krissie Allison Gouder fl-uffiċju tagħha biss però, peress li kien wara nofs il-lejl, ma kienx ħin li jidħol f'dawn l-affarijiet, imma qalilha li kien ser jibgħat kollox b'email. Huma kienu ħallsuha € 15,560 fi flus kontanti u spjegawlha li l-bqija kienu ser jħallsuh mill-pagamenti li saru bil-*credit card* jew li saru online u dan wara li jiġu rilaxxati mill-bank. Claire Mifsud baqgħat tinsisti għall-pagament dak il-ħin stess iżda spjegalha li kien impossibbli li jħallasha dak il-ħin u din aċċettat. Komplew iżarmaw, għaliex l-MFCC ried kollox żarmat sal-għada filgħodu, u telqu f' xi 3am. L-għada induna ukoll li xi stock tax-xorb kien nieqes iżda peress li kien ftit ma tax kas.

m) Fil-15 ta' Ottubru 2019 huwa bagħat email bil-problemi kollha li kellu waqt l-avveniment u kien staqsa għal laqgħa biex jara kif kienu se jipproċedu. Fil-frattemp, kien irċieva email mingħand Claire Mifsud fejn qaltlu biex jibgħat il-bqija tal-bilanċ permezz ta' wire transfer lil kumpanija oħra għaliex il-kont tal-MFCC kien iffriżat minħabba problemi mal-Awtorita' tat-Taxxi. Ġiet skedata laqgħa għall-21 ta' Ottubru 2019 li fiha kienu preżenti Eric Bartoli, Claire Mifsud u Anita Mifsud fejn prattikament kienu qalulu li kellu jħallas il-bilanċ dovut għaliex altrimenti kienu ser jmexxu legalment. Spjega kif Eric Bartoli kien ukoll aggressiv fi kliemu fil-konfront tiegħu hekk kif heddu sabiex jagħmel il-ħlas.

n) Spjega li kienu għamlulu sekwestru li waqa' wara xi ħames xhur għaliex ma bdewx proċeduri kontrih mill-ewwel, tant li laħqet għaddiet sena sakemm imbagħad reġgħu prpeżentaw sekwestru ieħor u fetħu l-kawża odjerna,

10. Fil-21 ta' Novembru 2022 xehed in kontro-eżami l-intimat **<u>Damian Allison</u>**[12] li ikkonferma li l-Malta Tattoo Expo saret fis-snin 2017, 2018 u 2019 u li l-prezz stabbilit tas-sena 2019 kien EUR35,000 (eskluż il-VAT).

a) Reġa spjega li l-MFCC ma kinux jippermettu kumpaniji terzi tal-*catering* joperaw ġewwa s-sit tagħhom u l-istqarrija li kien għamel hu rigward is-somma ta' € 5,500

---

[12] Fol 88A

li kien tilef kienet b' referenza għall-kuntratt li kienu iffirmaw li rregola l-avveniment tas-sena 2019.

11. Wara d-digriet mogħti mill-Qorti fit-13 ta' Frar 2023[13] li permezz tiegħu ippermettiet lir-rikorrenti tesebixxi l-kuntratt li kien ġie ffirmat għas-snin 2018-2019, liema kuntratt sussegwentement ġie esebit a fol 100-122, fis-seduta datata 15 ta' Mejju 2023 l-intimat **Damian Allison**[14] ippreżenta affidavit addizzjonali fejn spjega li fil-15 ta' Marzu ta-sena 2018 huwa kien iffirma kuntratt ieħor li kien jorbot l-avveniment tas-sena 2018 u tas-sena 2019:

    a) Dwar dan il-kuntratt ix-xhud spjega kif id-dati indikati ossia dawk ta' bejn it-3 ta' Ottubru u t-8 ta' Ottubru tas-sena 2019 kellhom jinbidlu minħabba avveniment ieħor, u għalhekk l-MFCC kienu offrew kumpens ta' € 9,000 jew li tiġi kkanċellata l-attività'. Spjega li ma setgħax jikkanċella għaliex kellu ħafna preparamenti lesti.

    b) Spjega kif fis-snin li għaddew il-kont li kien ingħata fl-aħħar tal-avveniment kien dejjem skond il-prezz miftiehem jiġifieri dak ta' € 25,000 iżda fis-sena 2019 huwa ingħata kont differenti. Stante li kien tard flgħaxija huwa kien ħallas is-somma ta' € 15,560 lil Claire Mifsud nhar il-Ħadd 13 t'Ottubru bi ftehim li jitkellmu aktar tard rigward il-bilanċ. L-intimat qal kif l-għada huwa induna li l-kuntratt kien jistipula li l-ammont fi kliem kien dak ta' € 25,000 iżda f'figuri kien indikat bħala € 35,000 u għalhekk l-MFCC baqgħu jinsistu fuq ħlas ta' € 35,000. B'hekk id-€ 9,000 offruti bħala kumpens reġgħu marru fil-but tal-MFCC. Irriżultalu ukoll li huwa ingħata spazju b' 750 metru kwadru anqas minn dak li huwa kien ħallas għalih. Dan l-ispazju nieqes ingħata lill-Fiera tal-Ktieb li ġiet organizzata bejn l-avveniment tiegħu u l-avveniment Bla Kondixin. Għalhekk skond ir-rata tal-metraġġ indikata fl-istess kuntratt l-intimat ħallas € 7,743.16 żejda.

    c) Inoltre spjega li kuntrattwalment suppost kellu jingħata is-*South Entrance* bħala dħul iżda minflok ngħata n-*North Entrance* u dan minkejja l-problemi li kienu inqalgħu s-sena ta' qabel. Il-kumpens ta' € 8,000 kien suġġett għall-kundizzjoni li huwa jerġa jorganizza l-avveniment ġewwa l-MFCC is-sena ta' wara (2019), iżda l-

---

[13] Fol 95 et seq.
[14] Fol 130-133

entratura li kellu jingħata kellha tkun dik skond il-kuntratt jiġifieri is-*South Entrance*. Ġara li din l-entratura ingħatat lill-organizzaturi tal-avveniment Bla Kondixin u għalhekk sabiex jillimitaw d-danni l-MFCC qalulu li kienu ibbukkjaw il-parkeġġ tan-*North Entrance* għalih. Dan irriżulta li ma kienx minnu, u għal darb'oħra inħolqu l-istess problemi ta' nuqqas ta' aċċess.

d) Inoltre, l-entraturi ta' emerġenza li kienu jinfetħu minn barra kienu kaġun ta' ħafna nies li daħħlu l-avveniment mingħajr ma ħallsu. Huwa qal li kien impossibbli għalih iġib aktar nies ta' sigurta' għaliex kien wisq viċin l-avveniment. Fis-sena 2018 meta ukoll kienet ġrat din il-ħaġa l-MFCC kienet assumiet ir-responsabbiltà'.

e) L-intimat spjega kif skond Klawżola 6.1 tal-kuntratt huwa kellu jirċievi l-ammont ta' € 5,500 (eskluż il-VAT) mingħand sponsor li jiġi ridott mill-bilanċ finali dovut lil MFCC filwaqt li din kellha tieħu ħsieb il-bars hi. Minħabba li l-MFCC iddeċidew li ma jagħmlux dan, l-intimat tilef flus mill-ammont sponsorjali li ingħata li rriżulta fi ħlas żejjed ta' € 2,500 mill-intimat biex jiġu armati l-bars. Tilef ukoll somma ta' €3,000 għaliex kellu jixtri x-xorb kollu hu. Sussegwentement, il-problema tal-*vending machines* viċin it-toilets irriżultat f'telf ta' qliegħ għall-bars.

f) Inqata' ukoll id-dawl ta' ħafna stands differenti u dan kien qed idum bejn nofs siegħa u siegħa biex jittranġa u għalhekk r-reputazzjoni tal-avveniment ħadet daqqa lura u dan f'kuntest ta' kompetizzjonijiet bejn l-artisti kif ukoll klijenti li kienet qed isirilhom t-tpinġija li kellha titlesta.

g) L-istess ingħad għall-kwistjoni tal-internet li għaliha huwa kien ħallas € 295 li minkejja dan spiċċa jagħti l-użu tal-internet personali tiegħu lill-esibituri.

12. Fid-29 ta' April 2024 xehed in kontro-eżami **<u>Damian Allison</u>**[15] (wara l-affidivit ulterjuri tiegħu):

---

[15] Fol 157 et seq.

a) Dan ikkonferma li kien hemm tibdil fid-dati tal-avveniment għas-sena 2019. Spjega kif ma kellux għażla għar-rigward tat-tibdil tad-dati u dan għaliex kieku ma aċċettax kienu jikkanċellawlu l-avveniment.

b) Mistoqsi dwar l-iskont li ngħata ta' € 7,704 huwa spjega li dan kien ingħata wara li kien sar il-ftehim fit-tibdil tad-dati. B'referenza għall-iskeda ta' pagamenti li hemm mal-kuntratt a fol 104 huwa qal li ma kienx żied dawn il-valuri flimkien. B'referenza għall-email li kienet intbagħtet minn Eric Bartoli lil Damian Allison[16] fejn jidher li l-prezz ikkwotat għas-sena 2018 kien ukoll ta' EUR35,000 huwa ma ftakarx li ħallas daqshekk.

c) Mistoqsi jekk id-€ 9,000[17] kumpens mogħti mill-kumpanija rikorrenti għal bdil fid-dati kinux inqatgħu mil-kont kif stipulat huwa ukoll qal li ma setax jiftakar.

d) Spjega kif il-pjanta kienet ingħatatlu erbat'ijiem qabel l-avveniment u li ma kien hemm l-ebda esibitur li xtaq iddaħħal li ma daħlux. Mistoqsi rigward id-diskrepanza bejn l-ewwel affidavit u t-tieni affidavit tiegħu, ossia fejn fl-ewwel wieħed semma l-ammont ta' €6,562 bħala ammont li ħallas żejjed mentri fit-tieni wieħed irrefera għal din is-somma bħala € 7,743 , huwa qal li l-kumpanija rikorrenti tikkwantifika u tivvaluta kollox bil-metraġġ.

e) Minkejja li fil-kuntratt kien hemm stipulat illi MFCC kellhom jipprovdu żewġ membri tas-sigurta' – wieħed mal-gate u l-ieħor idur mal-post, fil-verita' ma ġarax hekk. Huwa qal li kellu żewġ persuni ta' sigurta' u li kien ġab dawk biss għaliex kellhom ituh tnejn oħra l-MFCC. Huwa poġġa wieħed fl-entratura u wieħed idur għaliex wieħed idur mil-MFCC ma kellux.

f) Rigward l-introjtu tal-*bar* fis-sena 2019 kien hemm ftehim li dan kellu jkun kollu għall-intimat, b'dana li qabel kien imur lil Corinthia Caterers. Spjega kif l-*isponsorship* tax-xorb kien ħadu hu ukoll f'xorb u mhux fi flus bħas-snin ta' qabel. Huwa kien qabbad lill-ħaddieħor biex jieħu ħsieb il-bar. Minkejja li daħħal l-introjtu qal li kien hemm ħafna spejjeż.

---

[16] Fol 64
[17] Fol 54

13. Fit-18 ta' Ottubru 2021 ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Krissie Allison Gouder**[18], mart l-intimat, li ħadet ħsieb il-*front desk* tal-avveniment, kif ukoll ħadet ħsieb li tlaqqa' l-artisti, l-helpers u l-klijenti, il-cash flow u r-wristbands/passes. Ħadet ukoll ħsieb l-applikazzjonijiet tal-kompetizzjonijiet waqt l-expo:

    a) Spjegat li waħda mill-problemi li kienet inqalgħet kienet li ħafna viżitaturi daħlu mingħajr ħlas u dan għaliex il-bibien tal-ġenb ma kinux jingħalqu sew u ma kienx hemm uffiċjal tas-sigurta' magħhom, liema responsabbiltà skond hi kienet tal-MFCC. Meta xi nies li ma ħallsux ġew identifikati, dawn ma riedux iħallsu għaliex kienu diġà laħqu raw kollox.

    b) Problema oħra li kienu ġibdulha l-attenzjoni fuqha l-artisti kienet il-kwistjoni tal-*internet*. Kienet ċemplet lil żewġha qaltlu biex jagħti l-mobile *hotspot* tiegħu b'konsegwenza li dawn bdew idumu ħafna biex ilestu xogħolhom u kien hemm frustrazzjoni kbira. Il-*vouchers* il-ġodda waslu fis-6 ta' filgħaxija ċirka siegħa qabel il-bidu tal-kompetizzjoni tal-Ħadd.

    c) Ftakret kif qabel ma beda l-avveniment kienet waslet l-MFCC u rat li t-twapet tal-entratura kienu maqlugħa, u minkejja li kienet ilmentat ħadd ma kien ta kasha. Kellhom jirranġaw kollox huma.

    d) In-nies bdew ukoll jixtru l-ikel u x-xorb mill-*vending machines* li kienu qrib it-*toilets*. It-*toilets* kienu ukoll mgħarrqa u l-ilma kien qed jasal sal-istands tal-artisti.

    e) Ftakret kif il-Ħadd filgħaxija Claire Mifsud kienet staqsiet lil Damian Allison jekk kienx mar kollox sew u dan fil-presenza ta' Eric Bartoli. Huwa kien qalilha li kien hemm il-problemi, iżda kien tard u qalilha li kien se jgħidilha kollox wara. Ix-xhud qalet li hi stess kienet qasmet il-flus f'mazzijiet u allura kienet taf l-ammonti li kien hemm. Claire Mifsud insistiet li tgħaddilha l-flus kollha u hi hekk għamlet, iżda kien hemm bilanċ pendenti, li bi qbil ma' Damian Allison kien ser jitħallas fil-ġranet ta' wara u ċioe malli l-flus jidħlu l-bank. Qalet kif l-intimat kien qallha li kien se jħallas il-bilanċ mill-flus miżmuma mill-bank għall-pagamenti li kienu saru

[18] Fol 72

online, iżda kien hemm diversi kwistjonijiet li kellhom jiġu diskussi. Aċċennat ukoll għal fatt li Eric Bartoli kien jitkellem magħha b'mod pastaż ħafna, u kien arroganti u għalhekk ħadet ir-ruħ meta telaq qabel ma għaddew il-flus.

14. Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2022 xehdet **<u>Anita Mifsud</u>**[19], *Chief Executive Officer* tar-rikorrenti:

  a) Hija spjegat li l-proċeduri odjerni infteħu rigward l-avveniment li sar fis-sena 2019 iżda murija il-kuntratt anness mar-rikors promotur spjegat ukoll kif l-kuntratt li kienu għamlu fl-2017 kien ikopri sentejn b'possibilita' li jsir ukoll fit-tielet sena.

  b) Fl-2018 seħħ inċident li għalih MFCC kienu ħarġu flus sabiex jiskużaw ruħhom għal dak li kien ġara minkejja li ma kienx tort tagħhom u dan b'tir li ma jiksrux ir-relazzjoni tajba li kienu bnew mal-klijent. Ikkonfermat li l-kuntratt anness mar-rikors promotur jirregola l-avveniment tas-sena 2017 u li għall-avveniment li sar fl-2019 kien hemm kuntratt differenti.

15. Fit-30 ta' Ottubru 2023 ġiet prodotta l-istess **<u>Anita Mifsud</u>**[20] in kontro-eżami :

  a) Murija l-kuntratt tal-2018/9 u mistoqsija dwar id-diskrepanza bejn id-dati indikati fil-kuntratt u d-dati ta' meta effettivament ġie organizzat l-Expo, qalet li l-avveniment li dwaru kienet qed tixhed kien sar bejn il-11 u t-13 ta' Ottubru tas-sena 2019, liema dati kienu waslu għalihom jew għaliex dik kienet ix-xewqa tal-klijent jew bi ftehim bejn il-klijent u l-MFCC. Seta' kien il-każ li d-dati inbiddlu minħabba d-Delta Summit li kien ser isir fid-dati oriġinali miftehma, iżda dan dejjem bi qbil mal-klijent.

  b) Ikkonfermat li l-prezz indikat fuq il-kuntratt kellu jkun € 35,000.

  c) Rigward l-ispazju tas-sit li ingħata lill-intimat hija ftakret li kien hemm diffikultà mill-intimat li jimla l-ispazju provdut kollu. Għalhekk sabiex il-post ma jidhirx

[19] Fol 86 et seq.
[20] Fol 140A et seq.

vojt, bi ftehim mal-klijent kien sar aġġustament. Minkejja dan ikkonfermat li fis-750 metru kwadru li ma kienx qed jintuża minnu kien hemm setup ieħor li però ma ingħatax rimbors għalih.

d) Spjegat kif hi iddaħħlet f'laqgħa bejn l-intimat u rappreżentanti oħra tal-kumpanija wara li kien inħoloq diżgwid bejniethom. Il-pjanta[21] ġiet diskussa mal-intimat. Spjegat kif kienet taf li kien hemm problema bl-entraturi u li ingħata xi kumpens fis-sena 2018, liema kumpens ingħata ukoll minħabba l-attivita' li saret minn Puttinu Cares li imblokkat l-aċċess. Ix-xhud insistiet li dak kollu li sar, sar bil-barka tal-klijent.

e) Rigward il-bibien tal-emerġenza ix-xhud spjegat li huma għandhom sistema ta' sorveljanza ukoll. Sa fejn kienet taf hi l-*event manager* kien qed idur l-esibituri u dan kien qalilhom biex ma jħallux bibien miftuħin.

f) Mistoqsija dwar il-konnessjoni tal-internet qalet li l-problemi li nqalgħu kienu ġew riżolti.

g) Fir-rigward tal-kwistjoni tal-*vending machines* spjegat kif dawn ma setgħux jintfew għax riedu jaqdu l-bżonnijiet tal-ħaddiema tal-MFCC, iżda dawn ma kellhomx birer u alkohol minkejja li l-viżitaturi kellhom aċċess għalihom.

**Kunsiderazzjoni: l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat**

16. L-ewwel eċċezzjoni tal-intimat kienet waħda preliminari u dan fis-sens illi l-kawża ġiet miftuħa abbażi ta' dokument kuntrattwali li ma kienx japplika. Fi kliem l-intimat: "**d-dokument li fuqa hija msejsa din il-kawza irregola hiss l-attivita Malta Tattoo Expo ghas-snin 2017 u 2018 u mhux l-attivita li giet organizzata fis-sena 2019 kif mitlub fir-rikors promotur**"

17. Il-kawża infetħet mir-rikorrenti għall-ħlas ta' servizzi mogħtija minnha lill-intimat għall-avveniment tal-*Malta Tattoo Expo* li ġie organizzat fil-jiem ta' bejn il-Ġimgħa 11 ta' Ottubru 2019 u l-Ħadd 13 ta' Ottubru 2019. Għal xi raġuni l-ftehim li ppreżentat ir-rikorrenti mar-rikors promotur[22] ("*Agreement 17-5007*") huwa wieħed ffirmat fis-6

[21] Dok CTX1 – Fol 140
[22] Dok MFCC1 a fol 4- fol 23

ta' Ottubru 2017 li jkopri s-servizzi tagħha għas-snin 2017 u 2018 (f'liema snin hija ukoll kienet ipprestat servizzi lill-intimat għal attivita' identika). Minkejja li l-*Contract Period* li jidher fuq il-faċċata tal-kuntratt kien jipprovdi għall-possibilità illi l-kuntratt jiġi estiż għat-tielet sena, ma jidhirx illi l-partijiet qatt għamlu estensjoni tal-istess kuntratt. Anzi, huma ffirmaw kuntratt ieħor fil-15 ta' Marzu 2018 (*"Agreement 18-5009"*[23]*)* bl-iskop li dan jkopri s-snin 2018 u 2019 (bil-possibilità li jiġi mġedded għat-tielet sena, ossia 2020). Għalhekk kif sew issenjala l-intimat fir-risposta tiegħu, l-kuntratt li ġie anness mar-rikors promotur ma kienx jirregola l-avveniment li dwaru nfetħet il-kawża odjerna.

18. Ġara illi wara li kienet għalqet il-provi tagħha r-rikorrenti stenbħet b'dan il-*lapsus* tagħha u talbet permess mill-Qorti sabiex titħalla tesebixxi l-kuntratt il-korrett. Fid-digriet tagħha tat-13 ta' Frar 2023 il-Qorti qalet illi l-intimat kien ikun ppreġudikat b'din it-talba illi kieku huwa bbaża d-difiża tiegħu biss fuq l-ewwel eċċezzjoni tiegħu (ċioe dik illi l-ftehim esebit m'għandux x'jaqsam mas-servizzi li qed jintalab il-ħlas tagħhom f'din il-kawża) u l-Qorti kellha tgħaddi biex tilqa' t-talba tar-rikorrenti. Filfatt l-intimat, konxju tal-fatt illi r-rikorrenti setgħet u filfatt kienet mistennija li tirregola ruħha fuq l-ewwel eċċezzjoni tiegħu matul il-provi tagħha, iddefenda ukoll ruħu fuq il-mertu billi ressaq kwistjonijiet oħra fosthom dik illi r-rikorrenti kienet inadempjenti f'numru ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali li kellha. Għalhekk il-Qorti permezz tad-digriet imsemmi rat li fiċ-ċirkustanzi, l-intimat ma kienx ser isofri preġudizzju serju jekk hija tilqa' t-talba tar-rikorrenti anke in vista tas-salvagwardji li akkordatlu l-Qorti sabiex ittih l-opportunita' li jbiddel jew iżid mad-difiża tiegħu jew li jressaq provi ġodda. Hija għalhekk laqgħet it-talba tar-rikorrenti u l-ftehim korrett ġie esebit permezz ta' nota fit-23 ta' Frar 2023.

19. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni ġiet sorvolata u l-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha. Naturalment l-ispejjeż fir-rigward kemm ta' din l-eċċezzjoni (kif ukoll relatati mar-rikors tar-rikorrenti għall-awtorizzazzjoni tal-Qorti u r-risposta relattiva) jibqgħu kif deċiż fid-digriet imsemmi, ċioe a kariku tal-kumpanija rikorrenti.

**Kunsiderazzjoni: ġenerali**

---

[23] Fol 99-122

20. Mix-xhieda prodotti u mid-dokumenti esibiti, jissemmew diversi elementi relatati mal-avvenimenti tal-*Malta Tattoo Expo* li ġew organizzati fl-MFCC fis-snin 2017 u 2018. Kif ġa ngħad it-talba tal-kumpanija rikorrenti tikkonċerna biss l-avveniment li sar **fis-sena 2019** u għalhekk, sabiex tasal għall-konklużjonijiet tagħha din il-Qorti ser tkun qed tqis, fattwalment, dak li ġara fis-sena 2019. Dan però ma jfissirx illi mhux ser tingħata attenzjoni u kunsiderazzjoni għal xi affarijiet li setgħet seħħew fl-attivitajiet passati, jekk xejn biex jinftiehem aħjar il-kuntest ta' xi affarijiet li seħħew fl-2019 u li dwarhom inħolqot ċertu ambigwità.

21. Huwa evidenti li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' appalt, regolat fil-liġi taħt l-Art. 1633 *et. seq.* tal-Kodiċi Ċivili, li permezz tiegħu r-rikorrenti bħala appaltatur intrabtet li tforni s-servizzi tagħha elenkati fl-Iskeda Numru 3 tal-kuntratt lill-intimat, qua appaltatur, fir-rigward tal-żamma tal-*Malta Tattoo Expo* fil-*Malta Fairs and Convention Centre*:

> **'1633. Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal.'**

**Kunsiderazzjoni: l-*exceptio inadimpleti contractus* fil-ġurisprudenza**

22. Kif ingħad id-difiża fil-mertu postulata mill-intimat fir-risposta tiegħu hija li l-ebda ammont m'hu dovut lir-rikorrenti għaliex din "**kienet moruza f' diverzi obbligazzjonijiet li hija kellha lejn l-intimat**". Kif ingħad fis-sentenza mirquma mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet **Isaac Aquilina v. Carmen Zammit** (Avv. Nru. 572/2018 KCX, deċiża 05/11/2020):

> "Konvenut f'gudizzju jista' jillimita ruhu li jinterponi deduzzjonijiet, maghrufa bhala eccezzjonijiet, relattivi ghall-fatti guridici pretizi mill-attur avversarju, liema eccezzjonijiet – skond id-duttrina – jistghu jkunu negazzjonijiet assoluti (i.e., dawk li jtendu lejn l-inezistenza ta' xi fatt jew rekwizit kostitutiv ta' l-azzjoni) jew negazzjonijiet relattivi (i.e., dawk li jtendu li jistabbilixxu l-ezistenza ta' xi fatt li jimpedixxi jew jestingwi l-azzjoni). F'tali sitwazzjonijiet, il-konvenut jillimita r-rikjesta tieghu solament ghac-cahda tad-domanda attrici, izda ma jalterax ir-rapport processwali, galadarba l-oggett tal-procediment jibqa' immutat u l-petitum invarjat. Hawnhekk, min hu tenut jiggudika hu f'dover li jirrestringi l-indagni u d-decizjoni tieghu ghal kontroversja wahda u unika – dik proposta mill-parti attrici. Addizzjonalment, anke jekk konvenut jintroduci fil-procediment xi kwestjonijiet godda, izda dejjem bil-fini li t-talba attrici tigi rigettata (bhal per ezempju, l-eccezzjoni ta' intempesitività jew dik tal-kontradittur legittimu jew dik ta' inademplenti contractus), tali deduzzjonijiet/eccezzjonijiet jibqghu ristretti ghad-decizjoni tat-talba introdotta mill-parti attrici. Fi

kliem iehor, ghalkemm ikun hemm trattazzjoni ta' tematici jew kwistjonijiet plurimi, il-kawza tibqa' wahda, u cioè dik inizjata mill-attur ...

... Jekk il-parti konvenuta tistenna oltre, hi tehtieg testendi l-indagni tal-vertenza u dan taghmlu billi tressaq it-talbiet ghaliha relattivi u pertinenti. Izda dawn ma jiehdux il-forma ta' eccezzjonijiet, izda ta' talbiet veri u proprji. F'tali sitwazzjoni, il-konvenut ghandu jipprevalixxi ruhu minn dak previst taht l-Art. 4(1)(iii) u l-Art. 5 tal-Ligi Sussidjarja 380.01 (jew taht l-Art. 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u jipproponi talba rikonvenzjonali. Bid-domanda rikonvenzjonali – li hi azzjoni awtonoma mqanqla mill-konvenut kontra l-attur fl-istess procediment gudizzjarju digà mibdi il-konvenut jittenta jissupera l-limiti tar-rikjesta tieghu ghar-rigett tad-domanda principali u jitlob lill-Qorti provvediment (decizjoni) *a se stante* u ulterjuri favur tieghu."

23. Fl-azzjoni odjerna, l-intimat qed jittenta jġib fix-xejn it-talbiet tar-rikorrenti billi jikkontesta l-azzjoni tagħha bl-"*exceptio inadimpleti contractus*" ibbażata fuq il-prinċipju "*inadimplenti non est adimplendum"* ossia illi peress illi skond l-intimat, ir-rikorrenti naqset milli teżegwixxi l-obbligazzjonijiet tagħha hija m'għandiex tistenna l-ħlas tal-bilanċ altrimenti dovut lilha. Ma saret l-ebda kontrotalba mill-intimat bi pretiża għall-likwidazzjoni ta' xi danni li setgħu ġew ikkawżati lilu.

24. Fis-sentenza appena ċitata, t-Tribunal għal Talbiet Żgħar qal is-segwenti dwar l-*exceptio inadimpleti contractus:*

"L-istess eccezzjoni hi bbazata fuq il-principju ekwitattiv ta' *"frustra sibi fidem serbare adeo quis postulat qui fidem a se præstatem servare recusat*" (vide d-decizjoni **Dr. Sir Ugo P. Mifsud noe v. Guido Abela noe** (Appell Kummercjali, 28 ta' Ottubru, 1935) u titnissel mill-principju generali ta' dritt "*inadimplenti non est adimplendum*", u permezz taghha l-kontraent li jigi azzjonat ghax-xoljiment tal-kuntratt jew ghall-ezekuzzjoni tieghu, ghandu jedd li, "*ope exceptionis*", jottjeni r-rikonoxximent "*ex tunc*" tad-dritt tieghu li jissospendi l-esekuzzjoni minn naha tieghu sakemm l-attur jibqa' hu wkoll inadempjenti, ossia li jitlob "*la eliminazjione dei vizi da parte dell'appaltatore o la riduzione del prezzo, e/o il risarcimento del danno*" (MAURO RUBINOSAMMARTANO, "Appalti di Opere e Contratti di Servizzi", CEDAM 2006, 2a edizione; §21.2, p. 485). B'hekk, f'kaz li l-eccezzjoni tinstab fondata, l-konvenut jirnexxielu jipparalizza l-azzjoni mressqa kontrih.

Tajjeb li jigi precizat li fis-sistema tal-ligi Maltija – tnehhi forsi l-Art. 1391 tal-Kodici Civili u l-ewwel zewg sub-incizi ta' l-Art. 1392 tal-istess Kodici, entrambi relattivi ghall-istitut li jittratta "Fuq il-Bejgh" – ma nsibu l-ebda disposizzjoni specifika koncernanti l-eccezzjoni ta' l-inadempjiment, kuntrarjament kif insibu fil-Kodici Civili Taljan, taht l-Art. 1460 tieghu. Ciononostante, hu

pacifikament akkolt illi tali eccezzjoni "*tista' tigi sollevata b'mod generali relativament ghall-kuntratti sinallagmatici jew korrispettivi kollha, u mhux biss fejn il-ligi tipprovdi ghaliha specifikatament, u b'barra minn dan l-eccezzjoni tista' tigi sollevata anke indipendentement mid-dritt tar-rizoluzzjoni talkuntratt bis-sahha tal-patt kommissorju tacitu*" (**Carmelo Cremona ghal 'Muscat General Stores' v. Victor Angilieri**, Prim'Awla, 11 ta' Ottubru, 1966; mhux pubblikata). Din l-eccezzjoni hi ghalhekk mahsuba biex takkorda rimedju lil dak li jkun kontra r-riskju ta' l-inadempiment da parti ta' dak il-haddiehor li mieghu kien ikkuntratta. F'dan is-sens hi orjentata l-gurisprudenza domestika. Gwida apprezzevoli ghall-insenjamenti kontenuti fiha, hi s-sentenza in re **Emmanuele Aquilina v. Salvatore Aquilina et** (Appell Kummercjali, 12 ta' Marzu, 1965; mhux pubblikata). Fiha jinghad illi, "*din l-eccezzjoni hi poter moghti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista' jastjeni ruhu milli jadempixxi lprestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni*...

... Biex eccezzjoni bhal din tkun tista' tigi akkolta, jehtieg li jirrikorru, skond il-gurisprudenza lokali u dik Taljana ... numru ta' kundizzjonijiet, u cioè:

a. l-ewwelnett jehtieg li si tratta ta' obbligazzjonijiet korrispettivi fiz-zewg kontraenti radikati fl-istess rapport sinnalagmatiku bejniethom, cioè li l-inadempjenza ta' l-attur li jagixxi ghall-ezekuzzjoni tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti integrali tal-ftehim

b. madanakollu – bhala parentezi ghall-ewwel punt appena maghmul – lanqas ma huwa eskluz li, f'cirkostanzi xierqa, zewg kuntratti (jew aktar) awtonomi bejn l-istess persuni jigu kunsidrati unitarjament, specjalment meta il-kawzali jew finalità ekonomika taghhom tkun wahda, hekk kif tissenjala ggià citata decizjoni in re **Carmelo Cremona ghal 'Muscat General Stores' v. Victor Angilleri**

c. it-tieni kundizzjoni hija li l-inadempjenza allegata mill-konvenut trid tkun verament imputabbli lill-attur u mhux (lil hinn minn forza magguri u ragunijiet ohra estranei ghalih) provokata mill-inadempjenza tal-konvenut innifsu.

d. fl-ahhar, izda mhux lanqas, trid tirrikorri l-kondizzjoni tal-proporzjonalità jew adegwatezza bejn l-inadempjenza attribwita lill-attur u dik tal-konvenut, cioè li n-nuqqas ta' l-attur, relattivament ghall-prestazzjoni li hu jezigi minghand il-konvenut, ikun ta' certa gravità

e. inoltre, taht il-Kodici Civili Taljan il-gdid, il-htiega tal-presenza ta' l-istess estrem giet ribadita mill-Qorti Suprema Taljana fit-18 ta' April, 1952 (decizjoni nru. 1042) fejn gie asserit li, "*Quando*

*l'inadempimento non è grave, l'eccezione di inadempienza non è di buona fede*" (cfr. "Foro Italiano: Massime" 1952; p. 262). Tali estrem tal-bona fidi hu espress fil-kapovers ta' l-Art. 1460 fuq indikat illi jaqra hekk: "*Tuttavia non può rifiutarsi l'esecuzione se, avuto riguardo alle circostanze, il rifiuto è contrario alla buona fede*." ..."

25. L-istess rekwiżiti ġew meqjusa neċessarji f'diversi sentenzi oħra mogħtija mill-Qrati tagħhna fosthom fis-sentenza **Easysell Caterers (Gozo) Limited v. Benjamin Bonello et.** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 06/05/2010, Ċit. 27/2006 PC) u f'dik fl-ismijiet **Panta Marketing and Services Limited v. Joseph Brincat** (Qorti tal-Appell, 28/06/2011, App. Ċiv 35/2010 RCP).

**Kunsiderazzjoni ulterjuri dwar prinċipji li jirregolaw il-kuntratti b'mod ġenerali**

26. Ikun xieraq illi jiġi mfakkar mill-Qorti illi għalkemm l-appalt huwa regolat b'mod speċjali taħt l-Art. 1633 et. seq tal-Kap. 16, fejn il-liġi ma tgħidx mod ieħor huwa xorta waħda regolat ukoll taħt dawk id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw l-kuntratti u l-obbligazzjonijiet b'mod ġenerali. *In primis*, kuntratti t'appalt għandhom **is-saħħa ta' liġi għall-partijiet kontraenti** (Art. 992(1)), għandhom jiġu eżegwiti **bil-*buona fede*** (Art. 993) u japplika għalihom ukoll il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda* **"billi ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.** (Art. 992(2)".

27. Hekk ukoll huwa prinċipju assodat fil-liġi illi ***contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non fertur***. Dan il-prinċipju, bħal ħafna prinċipji oħra, jissokkombi għal numru ta' eċċezzjonijiet bħal (i) meta l-kuntratt ikun *ivvizzjat minn frodi* jew altrimenti ikun *null għal xi raġuni valida fil-liġi*, (ii) meta l-kuntratt ikun *simulat* (iii) meta s-sinjifikat tal-kitba jkun *ambigwu* jew il-kitba tkun tikkontjeni *partijiet kontradditorji*, (iv) meta jiġi ppruvat *patt inċidentali sekondarju* li jkun inkonciljabbli mal-iskritt, u (v) meta jkun hemm *ftehim verbali* li jammonta għal *kundizzjoni li subordinatement għaliha tkun saret il-konvenzjoni miktuba* u li minnha tkun tiddependi l-eżekuzzjoni ta' dik il-konvenzjoni.[24]

B' danakollu *"*e` indubitato altresi che per diritto probatorio si ammette la prova testimoniale allo scopo di chiarire le oscurita`, le ambiguita` e la incertezza dell' atto contrattuale per rendere palese

[24] Kollez. Vol XLIV pI p267

quale sia stata l’ intenzione dei contraenti; poiche` in tale caso non si tratterebbe di prova orale in contraddizione od in aggunta alla prova scritta, ma si tratterebbe invece di prova testimoniale tendente a confermare il contenuto dell’ atto scritto ed a dimostrare la vera intenzione dei contraenti che da quell’ atto, senza il sussidio della prova testimoniale, potrebbe risultare oscura od apparire incerta o ambigua*” (Vol. XXV P I p 150);*

Kif konswet, is-soluzzjoni tal-vertenza anke fil-kaz in eżami tiddependi fuq l-estimazzjoni tal-provi u ta’ dawk iċ-ċirkostanzi u interpretazzjonijiet tal-fatti bastanti biex jinduċu konvinzjoni f’min hu msejjaħ biex jiġġudika fuq l-istess fatti;”[25]

**Kunsiderazzjoni: l-applikazzjoni tal-insenjament tal-ġurisprudenza għall-provi**

*Il-prezz maqbul*

28. Qabel xejn il-Qorti trid ta’ bilfors tiddisponi minn kwistjoni li tqajjmet għall-ewwel darba mill-intimat fit-tieni *affidavit* tiegħu, dak tal-15 ta’ Mejju 2023, ossia illi l-prezz pattwit bejn il-partijiet kien dak ta’ € 25,000 (eskluż il-VAT) u mhux € 35,000:

> “Illi fis-snin ta’ qabel u cioe fl-2017 u fl-2018 jien kont ħallast is-somma ta’ ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) sabiex nikri l-post fejn saret l-attivita’. Fis-sena 2019 meta spiċċat l-attivita’ jien niftakar li l-kont li kienu tawni kien għola min dak miftiehem….Illi l-għada meta jiena erġajt bdejt nara l-kuntratt irrealizzajt illi filwaqt li l-ammont li jien kelli nħallas kien miktub bħala ħamsa u għoxrin elf Ewro il-figura taqra €35,000. Illi dan iffisser illi minkejja li l-ftehim tagħna kien fuq il-figura ta’ ħamsa u għoxrin elf l-MFCC baqgħet tinsisti li l-ammont li kellu jitħallas kien dak ta’ €35,000.”[26]

29. Il-klawżola in kwistjoni tal-kuntratt, Klawżola 6.0 intestata *“Payments”* taqra hekk:

> **“6.0 Payments**
>
> **The Client will be charged a fixed rate of € 35,000 (twenty-five thousand Euro) plus VAT with following Payment Terms per event:**
>
> **<u>2018</u>**

---

[25] **<u>George Portanier noe v. Charles Bezzina et</u>** (PA, Ċit 1330/1995/1PS, 03/10/2003)
[26] Fol 130, Par. 3

**(€ 2,000 + Vat) on booking 28th March 2018**
**(€ 3,500 + Vat) by the 18th May 2018**
**{€ 5,500+ Vat) by the 27th July 2018**
**(€ 8,500 + Vat) by the 28th September 2018**
**(€ 15,500 + Vat) by the 7th October 2018"**

30. Għalhekk fil-fehma tal-intimat l-ammont li ried iħallas kien dak ta' € 25,000 u mhux € 35,000. Din il-kontestazzjoni hija fundamentali għaliex jekk issib eżitu favorevoli ikun ifisser illi ammont sostanzjali mis-somma mitluba (kważi tlett kwarti tas-somma) ma jkunx dovut.

31. Fejn tidħol ambigwita' ta' klawżoli kuntrattwali l-Art. 1003 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> **"1003. Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet"**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Cassar v. Josianne Bigeni** (PA, Ċit 1989/1999/1GCD, deċiża 15/06/2004) il-Qorti qalet is-segwenti:

> "L-art. 1003 tal-Kodiċi Ċivili, dwar interpretazzjoni tal-kuntratti, igħid hekk: 1003. Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi ma għandhiex tħassar il-kuntratt minħabba żball, ladarba l-kunsens tal-partijiet, fuq dak li tassew kellhom f'moħħhom, ma hux milqut bi żball, iżda, ukoll *ut res magis valeat quan pereat*, għandha fl-interpretazzjoni tal-kuntratt tara li jseħħ dak li riedu l-partijiet..."

Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Paris et. v. Maltacom plc** (PA, Ċit 480/2002/1TM, deċiża fis-7 ta' Ottubru 2004) ingħad illi:

> "darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu preżunt li qabel ma iffirmaw dak il-ftehim qiesu ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-interessi tagħhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi prinċipju ieħor, ancorche' bazat fuq l-ekwita'. Il-prinċipju tar-rispett għal volonta' tal-partijiet huwa wieħed fondamentali u dak li ftehmu fuqu il-partijiet għandu "forza ta' liġi" għalihom (artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili), u l-Qorti m'għandhiex tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tissostitwixxi għal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta' tagħha."

32. Ta' min jgħid illi fil-kontroeżami li kien sarlu fil-21 ta' Novembru 2022[27] **l-intimat** innifsu kien xehed is-segwenti:

> "Avukata: Naqblu illi l-prezz stabbilit għas-sena 2019 kien, il-prezz bażi kien ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) plus il-VAT?
>
> Xhud: Iva"

Inoltre la fir-risposta tiegħu u lanqas fl-affidavit li ppreżenta fit-3 ta' Mejju 2021 ma semma xejn dwar dan il-punt u dan minkejja li fl-affidavit tiegħu tal-15 ta' Mejju 2023 huwa qal illi kien induna b'din id-diskrepanza l-għada tal-aħħar ġurnata tal-avveniment (ossia fl-14 ta' Ottubru 2019)!

33. Min-naħa tagħha l-kumpanija rikorrenti kienet ċara fix-xhieda tal-uffiċjali tagħha illi l-prezz miftiehem kien dak ta' ħamsa u tletin elf euro (€ 35,000)[28] u li l-ammont imniżżel ta' € 25,000 fi kliem kien sempliċiment żball. Hekk per eżempju fix-xhieda tagħha tat-30 ta' Ottubru 2023 ingħad is-segwenti minn **Anita Mifsud**[29] (CEO tar-rikorrenti):

> "Av: Ok issa, imorru fuq klawsola numru 6 please, 6.0, clause 6.0 naqblu li taqra the client will be charged fixtures of 35,000 imma fil-brackets hemm miktub 25,000 euro. erga kkonfermalna jekk joghgbok liem wahda hi tajba because in words and figures qieghda 25 u in number qieghda 35
>
> Xhud: 35,000 hija t-tajba"

34. Hekk ukoll fl-*email* datata 7 ta' Frar 2018 mibgħuta minn Eric Bartoli *inter alia* lill-intimat xahar qabel ma ġie ffirmat il-ftehim, liema *email* ma ġietx ikkuntestata minnu matul din il-kawża, ingħad fost affarijiet oħra illi:

> "Hi Damian,

---

[27] Fol 88A
[28] Ara ukoll fattura a fol 47
[29] Fol 140B

> Following a meeting held with Anita in respect of the Malta Tattoo Expo 2018 - 2019, I am pleased to inform you that MFCC will be hosting your prestigious event under the following terms and conditions:
> For the total amount of€ 35000 + vat MFCC will provide the following Services ..."

35. Meta fil-kontroeżami tiegħu tad-29 ta' April 2024 l-intimat ġie mistoqsi għalfejn jekk kif qed jgħid hu li l-ammont miftiehem kien dak ta' € 25,000, l-ammonti li jidhru eżattament taħt dak l-ammont fil-klawżola 6.0 magħdudin flimkien jammontaw għal € 35,000, huwa kien evażiv għall-aħħar u wieġeb biss illi ma kienx wettaq dan l-eserċizzju. Lanqas ma ressaq prova illi fis-snin preċedenti huwa kien ħallas € 25,000.

36. Il-Qorti tara li ma kien hemm l-ebda ambigwità dwar il-prezz maqbul bejn il-partijiet ta' € 35,000 (eskluż il-VAT) minkejja l-*lapsus calami* li jirriżulta fil-klawżola relattiva. Anzi, huwa pjuttost ċar illi l-intimat prova iqarraq bil-Qorti (mhux biss fl-affidavit ulterjuri tiegħu iżda anke fil-kontroeżami tad-29 ta' April 2024) u li l-asserzjoni tiegħu ma kienet xejn ħlief ħlieqa ta' moħħu li taha l-ħajja f'tentattiv sabiex ixaqleb il-miżien tar-raġun favur tiegħu. Aġir bħal dan jikkonsisti f'abbuż serju tal-proċeduri ġudizzjarji u jwassal biex jimmina s-serjeta' u s-saltna tad-dritt li fuqha hija mibnija s-sistema ġudizzjarja, apparti li jesponi lill-intimat għall-proċeduri ta' natura kriminali fil-konfront tiegħu għar-reat ta' sperġur. Fuq kollox pero' dan l-aġir iservi sabiex jimmina l-kredibilità tiegħu stess f'dak kollu li xehed f'din il-kawża partikularment fejn jidħlu kwistjonijiet li setgħu ġew ikkuntestati mill-kontroparti u li għalhekk jirrikjedu lill-Qorti tiżen sew il-verżjonijiet konfliġġjenti bejn il-kontendenti.

*L-ispazju mikri lill-intimat*

37. Fl-affidavit tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2021[30] l-intimat qal hekk:

> "Waqt l-avveniment, innutajt li t-tielet avveniment kien qed jigi preparat. Kienet fiera tal-ktieb. Dak il-ħin jien ma tajtx kaz ghax ma kienx fl-area fejn konna aħna. Xi gimagħtejn wara l-avveniment taghna, jiena tajt harsa mill-eqreb tal-floor plan li bghatuli MFCC. Minhabba li kien floor plan tekniku, dan kien jinkludi l-qisien. Kull kaxxa kienet tfisser 1 sqm u meta ghoddejt il-kaxxi, ndunajt li taghna biss qies ta 3,250sqm meta fil-kuntratt kien hemm stipulat 4,000sqm. Fuq il-floor plan finali, kien hemm ukoll zona li ma kienitx immarkata, liema zona kienet bejn l-avveniment tieghi u 'Bla Kondixin'. Din kienet propjament iz-zona fejn kienu qed jippreparaw ghall-fiera tal-ktieb. Meta

[30] Fol 70f

ghamilt il-kalkoli kollha, iz-zona msemrnija kellha qisien ta' 750sqm, il-qisien ezatt imnaqgas rniz-zona tal-avveniment tieghi u ghal- liema qisien jiena xorta wahda kelli nhallas. Dan jammonta ghal 6,562 Euro ta' spazju rnisruq minghandi, li jew kien mikri lil haddiehor wara li krejtu jien jew inkella mghoti, ghalkemrn ma nahsibx li gara hekk, lill-fiera tal-ktieb"

38. Fl-affidavit ulterjuri tiegħu tal-15 ta' Mejju 2023[31] l-intimat qal li huwa kellu jħallas € 8.74 għal kull metru kwadru u għalhekk is-750 metru kwadru li ma ngħatawx lilu jsarrfu fl-ammont ta' **€ 7,743.16** li huwa ħallas jew qed jiġi mitlub jħallas għalxejn.

39. Min-naħa l-oħra x-xhieda tar-rikorrenti apparti li qalu illi l-intimat kellu problemi minn qabel sabiex jimla l-ispazju kollu allokat għalih, insistew illi l-prezz ma kienx jitkejjel skond il-metraġġ iżda bil-ġurnata. Fix-xhieda tagħha tat-30 ta' Ottubru 2023[32] s-CEO **Anita Mifsud** qalet hekk:

"Xhud: Bhala floor space naf li kien hemm diffikulta biex timtela l-area kollha,

Av: Diffikulta f'liema sens?

Xhud: Ghax ma kienx hemm bizzejjed partecipazzjoni u filfatt, jekk tinnota mill-pjanta kien hemm spazju iktar minn dak li ttiehed s-soltu f'kuruturi u f'areas partikoari allura normalment ahna mal-klijent nitkellmu speci jekk il-klijent jixtieq li ma tidhirx vojta ahna naggustjaw ghal li jkun hemm. Setghet giet il-kontra u setghet giet in-naha l-ohra

Av: Jigifieri inthom mal-klijent ftiehmtu li ha tatu inqas minn dak provdut skont il-kuntratt bi ftehim jew id-decizjoni hadtuha wahedkom?

Xhud: Le d-decizjoni ttiehdet mal-klijent. At the end of the day il-klijent jiddeciedi jekk iridx idejjaq jew iwessgha. L-ispazju kien ghadu available jiġifieri wara l-purtiera ma kien hemm xejn

Av: Jigifeiri f'dak l-ispazju nieqes, qed nitkellmu around 750 sqm kien hemm xi affarjiet ohra, xi xoghol iehor li kien qed isir minn naha tas-socjeta?

---

[31] Fol 131
[32] Fol 140B *et. seq.*

Xhud: Iwa kien hemm setup iehor ghaddej pero still ma kienx qed jintuza pero xorta kien hemm gap bejn ilklijent l-iehor u l-klijent li qed nitkellmu fuqu

...

Qorti: Meta jirrizulta li l-klijent ghandu bzonn jew ghax ma jistax jaghmel mod iehor inqas minn dak allokat ghalih, ikun hemm xi forma ta refund mill-prezz li
jkun hemm?

Xhud: Ie ma jimbidilx"

Fix-xhieda tiegħu mogħija in kontroeżami fis-seduta tad-29 ta' April 2024[33] is-*Sales Manager* **<u>Eric Bartoli</u>** qal *inter alia* is-segwenti:

"Av: Fir-rejalta naqblu li Damian nghata biss 3250 square meters?

Xhud; Ehe imma pero ghax ma kellux bizzejjed biex jimla l-ispazju kollu

Av: Jigifieri naqblu. Mela huwa kellu 750 sqaure meters neqsin

Xhud: Le mhux neqsin

Qorti: Inti qed tghid ghax ma kellux biex jimla, minn naha tieghu giet

Xhud: Minn naha tieghu mhux hekk.

...

Av2: Fir-rigward tal-hlas jigifieri l-fee li tithallas ghal avveniment ghal uzu tat-tinda, kif tinhadem jekk joghgbok dik il-fee?

Xhud: Jew jikru bhala venua shiha jew skont l-event kemm tkun kbira.

Av2: Pero hemm xi rata partikolari li fuqha tinhadem?

Xhud: Hemm il-prezzijiet tal-kumpanija

Av2: U dik il-prezzijiet huma bbazati fuq- ma nistax nkun dirett, huwa bbazat, kif inhu kkalkolat? Tiftakar?

Xhud: Ifhimni sa fejn naf jiena 10,000 a day plus plus

Av2: Bil-gurnata mhux kejl?

[33] Fol 140B *et. seq.*

Xhud: Bhala spejjez taghna nikkalkolaw bil-gurnata

Av2: Xejn aktar."

40. L-istess **<u>Eric Bartoli</u>** fl-affidavit tiegħu tat-3 ta' Mejju 2021[34] qal ukoll is-segwenti:

> "Further to the above The Malta Tattoo Organiser himself had sent us the floor plan with the required layout, which we compiled and resent to him for confirmation. The attached plan and confirmation email from Damian clearly shows the entrance as being the North entrance."

L-*email* li għamel riferenza għaliha x-xhud ġiet esebita a fol 60 (flimkien mal-pjanta a fol 61[35]) u turi illi l-pjanta finali ġiet sottomessa lill-intimat fit-2 ta' Ottubru 2019 li min-naħa tiegħu dakinhar stess bagħat lura l-approvazzjoni tiegħu bil-kliem *"Checked it and it looks good to me".*

41. Il-kuntratt innifsu ma jipprovdix għal rata għal kull metru kwadru ta' *floor space* iżda jipprovdi ammont wieħed globali ta' € 35,000 b'lista tal-faċilitajiet li kienu ser ikunu disponibbli fosthom:

- "A total of 4000 Sqm of floor space (80m x 40 m – including aisles and stage area)
  ...
- A total of 70 shell scheme (exhibition stands as per last year's floor plan or similar in construction)
  ...
- Should additional shell scheme set-up is required over and above the agreed amount listed above, a € 12.00 + VAT per square metre shall apply ..."

42. Għalhekk l-asserzjoni tal-intimat illi huwa kellu jħallas € 8.74 għal kull metru kwadru m'hijiex korretta għaliex ma tirriżultax, la mill-kuntratt u lanqas mill-provi. Iktar importanti minn hekk però jibqa' l-fatt illi l-intimat approva l-pjanta sottomessa lilu **<u>qabel</u>** l-avveniment u fl-ebda stadju ma kkuntesta dak li qalu x-xhieda tar-rikorrenti, ossia' illi anqas biss kien hemm parteċipanti biżżejjed sabiex jimlew l-ispazju li kien ġie allokat għalih tant illi kellhom jaġġustaw l-ispazju bi ftehim miegħu sabiex ma jidhirx vojt. L-intimat innifsu ukoll irrikonoxxa illi ma kienx il-każ illi waqt l-avveniment huwa kellu bżonn jitlob iżjed spazju għal xi esibituri.

---

[34] Fol 56 et seq. – Dok EB1
[35] Ara ukoll fol 140

43. Għaldaqstant il-Qorti ma tqisx li għandu raġun l-intimat jgħid illi huwa ġie misruq xi ammont ta' spazju li kien inkera lil ħaddieħor ġaladarba l-ispazju mikri lilu kien ġie approvat minnu, minn qabel. Żgur li mhuwiex il-każ illi kien hemm xi inadempjenza kuntrattwali min-naħa tar-rikorrenti f'dan ir-rigward.

*L-entratura miftehma*

44. Skond il-kuntratt l-entratura għall-avveniment kellha tkun dik magħrufha bħala "South Entrance" ossia dik li qegħda viċin l-Istadium Nazzjonali tal-Futbol;

"6.0 Payments

…

7) Entrance through the South Foyer

…

**Schedule III**

**SERVICES PROVIDED BY THE MFCC**

I THE VENUE

Hire of the Venue covering areas marked in Schedule IV and listed below:

A Entrance Foyer (South)"

45. Mix-xhieda prodotta rriżulta illi għall-avveniment tal-2019 ir-rikorrenti kienet infurmat lill-intimat li ma setax juża s-*South Entrance* u kellha tintuża minflok in-*North Entrance*. Skond l-intimat Eric Bartoli kien qallu li dik l-entratura kienet ibbukkjata minn avveniment ieħor, filwaqt li in kontroeżami Eric Bartoli qal li kien l-intimat li ried in-*North Entrance* għaliex kienet isbaħ bħala entratura u filfatt għal din ir-raġuni kienu irranġawlu biex jużaha. In kontroeżami ukoll, Eric Bartoli xehed li kien ħa ħsieb li l-parkeġġ tan-*North Entrance* jiġi bbukkjat sabiex ma jerġax jiġri dak li kien ġara s-sena ta' qabel meta kienet ġiet imblukkata l-entratura b'avveniment fil-

parkeġġ stess (xi ħaġa li wasslet lir-rikorrenti sabiex tassumi responsabiltà hi u tikkumpensa lill-intimat għal dan l-inkonvenjent billi ingħata skont ta' € 8,000).

46. Minn dak preżentat, din il-Qorti ma tinsabx konvinta li kien l-intimat li talab in-*North Entranc*e fis-sena 2019 u huwa iżjed probabbli illi kif qal l-intimat, huwa ġie mgħarraf bil-bidla mixtieqa mir-rikorrenti (ċioe mis-*South Entrance* kif kien miftiehem, għan-*North Entrance*) fil-bidu ta' Settembru 2019. Din il-bidla jidher li kellha bżonn issir minħabba *double booking* li seta' kellha r-rikorrenti għall-użu tas-*South Entrance*. Sabiex il-bidla tkun aktar palatabbli għalih l-intimat qal li huwa kien ġie infurmat li l-parkeġġ ġie riżervat għalih sabiex jiġu evitati l-problemi li kienu inqalgħu is-sena ta' qabel, u li għalihom l-MFCC kienet tatu kumpens fis-somma ta' € 8,000. Madanakollu, iċ-ċirkustanzi li inqalgħu fis-sena 2019 huma differenti minn dawk tas-sena 2018. Jekk l-intimat ġie infurmat bit-tibdil tal-entratura fl-4 ta' Settembru tas-sena 2019 huwa kellu ftit aktar minn xahar sabiex jinforma lill-pubbliku dwar dan, filwaqt li jorganizza ruħu aħjar sabiex jevita l-problemi li kellu s-sena ta' qabel.

47. Irriżulta mix-xhieda ta' Gunther Micallef Decesare illi minkejja dak li kienu qalulu l-MFCC, xorta waħda ġiet organizzata wirja tat-trakkijiet il-Ħadd 13 ta' Ottubru 2019 fil-parkeġġ, u ċioe fl-aħħar ġurnata tal-avveniment tal-intimat. Din id-darba **<u>però tħalla aċċess,</u>** fejn l-esibituri setgħu jipparkjaw ġewwa l-venue fejn sfortunatament skond l-intimat bdew jidħlu ukoll l-viżitaturi. Eric Bartoli qal li l-parkeġġ in kwistjoni huwa wieħed pubbliku li fuqu huma m'għandhomx kontroll wisq anqas għandhom xi dritt li jibbukkjawh. Sostna illi huma rrimedjaw din il-problema billi bi ftehim mal-intimat ippermettew li l-parkeġġ isir ġewwa l-*venue* stess mid-daħla tan-*North.*

48. L-intimat però qal ukoll li minħabba dan it-tip ta' aċċess, l-viżitaturi bdew jidħlu ġewwa mingħajr ma jħallsu kif ukoll mill-bibien tal-emerġenza. Eric Bartoli spjega illi l-iskont li kienu tawh is-sena ta' qabel, ossia is-somma ta' € 8,000, ma ingħatax għat-tibdil tal-entratura, iżda minħabba l-qliegħ li kien tilef minħabba **<u>nuqqas ta' aċċess komplut</u>** għall-avveniment tiegħu.

49. Il-Qorti tqis illi tali skont għall-kwistjoni li nqalgħet fl-2018 ingħata bil-bwona volonta' tar-rikorrenti u apparti li fl-2019 ma jidhirx li reġà kien hemm problema bl-aċċess, ir-rikorrenti ma tistax titqies li hija obbligata li tikkumpensa lill-intimat għat-tibdil li sar.

50. Iktar importanti minn hekk, jirriżulta ppruvat illi l-intimat ma pprotestax għal din il-bidla li jgħid li ġiet sfurzata fuqu qabel l-avveniment u tali aġir ma jistax ħlief jiġi meqjus bħala aċċettazzjoni u kunsens għat-tibdil rikjest.

*Bdil fid-dati*

51. L-istess jingħad għall-bdil fid-dati tal-avveniment, xi ħaġa li skond l-intimat ukoll ġiet sfurzata fuqu. Dan spjega fix-xhieda tiegħu illi f'xi żmien fl-2019 kien ġie infurmat mir-rikorrenti illi minħabba li kien hemm avveniment ieħor li jaħbat mad-dati tal-Malta Tattoo Expo 2019 li kienet prevista li tinżamm bejn l-4 u s-6 ta' Ottubru 2019, huma xtaqu li l-avveniment jiċċaqlaq għal dati oħra. Din filfatt eventwalment saret fil-ġranet tal-11-13 ta' Ottubru 2019. Mill-provi[36] jirriżulta illi din il-laqgħa saret fid-19 ta' Frar 2019 u mhux talli ma jirriżultax illi kien hemm xi protesti min-naħa tal-intimat iżda iżjed minn hekk jidher li fit-22 ta' Lulju 2019 ġie iffirmat *addendum* li permezz tiegħu r-rikorrenti intrabtet li tagħti kumpens għal din il-bidla fid-dati billi billi tnaqqas l-ammont ta' € 7,704 mill-prezz dovut għat-twaqqif ta' *exhibition stands* (massimu ta' 642 metri kwadri).

*Bibien tal-emerġenza u membri tas-sigurtà*

52. Fl-affidavits tagħhom kemm l-intimat Damian Allison kif ukoll **martu Krissie Allison Gouder** spjegaw kif problema oħra li kellhom kienet li numru ta' viżitaturi kienu qed jaċċessaw l-avveniment mingħajr ma jħallsu l-miżata tad-dħul, peress li kienu qed jidħlu mill-entraturi tal-emerġenza.

53. Fl-ewwel affidavit tiegħu l-intimat qal li l-problema bdiet meta fit-tieni ġurnata ġie nfurmat li l-għada (ossia' fl-aħħar ġurnata tal-avveniment, il-Ħadd 13 ta' Ottubru 2019) kienet sejra terġa tiġi organizzata l-wirja tat-trakkijiet ħdejn in-*North Entrance.* Fi kliem l-intimat, għalkemm mhuwiex ċar jekk dan seħħx dakinhar stess jew inkella l-għada l-Ħadd, l-organizzaturi tal-wirja tat-trakkijiet ħallew passaġġ żgħir miftuħ fil-parkeġġ, liema passaġġ kien jagħti direttament għall-MFCC. L-organizzaturi tal-Expo bdew iħallu l-artisti u l-esebituri jipparkjaw ġewwa l-MFCC, iżda ġara illi b'hekk bdew deħlin ukoll il-viżitaturi mingħajr ma jħallsu peress li bdew deħlin mill-bibien tal-

[36] Fol 54

emerġenza u jħalluhom miftuħa. Skond l-intimat: "żgur mhux forsi dan wassal biex ħafna nies daħlu mingħajr ma ħallsu."

L-intimat irrifera ukoll għal inċident partikolari meta filwaqt li kien qiegħed jitkellem ma Gunther Micallef Decesare raw vettura dieħla ġewwa u mara li kienet liebsa l-*hoodie* baqgħet dieħla mingħajr ma ħallset. Huma ma setgħux jintraċċjawha peress illi intilfet qalb il-folla.

Skond l-intimat, kellu membru tas-sigurtà li qagħad għassa jdur mal-*venue* sabiex min ma jkunx bil-brazzuletta tad-dħul jġegħlu jmur iħallas. Madanakollu l-intimat qal illi min kien ma ħallasx beda jinħeba mal-folla filwaqt li min inqabad beda jagħmel xenata biex ma jħallasx.

Fit-tieni affidavit tiegħu l-intimat qal li kien is-Sibt filgħodu meta t-trakkijiet ipparkjaw fil-parkeġġ ta' ħdejn in-North Entrance. Fl-istess affidavit semma għall-ewwel darba problema li skond hu kien hemm fl-għoxrin *emergency exits* tal-*venue* peress illi dawn kienu jinfetħu minn barra u n-nies bdew jidħlu mingħajr ma jħallsu. Qal illi l-MFCC kienet talbitu sabiex iġib aktar nies tas-sigurtà sabiex jaraw li dan ma jsirx, xi ħaġa li skond hu tfisser illi l-MFCC kienet qed tirrikonoxxi l-problema.

54. Il-verżjoni ta' mart l-intimat, **<u>Krissie Allison Gouder</u>** kienet kemmxejn differenti partikularment meta tqabbilha mal-ewwel affidavit tal-intimat. Hija qalet li l-problema kienet matul it-tlett ijiem tal-Expo (mhux sempliċiment il-Ħadd) meta daħlu numru sostanzjali ta' viżitaturi minħabba l-bibien tal-emerġenza ma kienux jingħalqu sewwa u ma kien hemm l-ebda *security officer* għassa magħhom. Skond hi, dan kellu jiġi provdut mir-rikorrenti.

55. Min-naħa tar-rikorrenti, skond **<u>Eric Bartoli</u>**:

> "I also informed Damian that all security exits leading to the event cannot be closed off and it is his responsibility, with his security, to man the area. Damian had 2 security personnel inside the North entrance near the cash desk. This was not his first experience operating at MFCC and he was definitely aware of the emergency door procedures"

In kontroeżami l-istess xhud qal hekk:

> "Is-Security tal-post ma kienx fil-kompitu tal-MFCC. Is-Security tal-bibien kienu fil-kompitu tiegħu, hu kellu jikri n-nies biex iġib is-Security mal-bibien għax hu kien jaf li ħa juża' l-parking ta' ġewwa. Mela, meta n-nies jipparkjaw ġol-event ġewwa ġol premises tagħna għandhom aċċess għal bibien kollha. Issa bibien ma jinfetħux minn barra pero' bieb wieħed trid tħalli miftuħ bilfors. Issa hu għax, emergency services huma x'inhuma. Issa hu ma kellux nies, apparentament ma kellux nies biżżejjed to man the doors u daħlu xi nies b'xejn"

Sostna ukoll illi l-bibien tal-emerġenza ma kellhom l-ebda difett u li kieku kellhom din żgur kienet toħroġ fir-*risk assessment* li jsir qabel kull avveniment.

Skond **Gunther Micallef Decesare:**

> "He also advised me to stop access of any vehicles from the South entrance. His reasoning was that he knew of some exhibitors who were coming inro the venue with friends who would not pay to enter. He also wanted a complete closure of the South gate to stop all access. This was done immediately...
>
> I must point out that visitors attending the Tattoo Expo were supposed to pay an entrance fee. It transpired that a small number of people were entering the premises without paying. In one such instance, both Mr. Allison and I observed an individual who we both saw entering from the service area without paying. Upon investigation, we unfortunately did not find this individual and again I invited Mr. Allison to send a security person there to cover both people entering without paying and access to the vending machines. Again, he pointed out that he did not have enough security personnel to do this, even though he had 2 security by the main registration area. This matter was not raised again."

Skond **Anita Mifsud**:

> "Il-bibien kollha jinfetħu minn ġewwa għal barra. Li kien hemm li l-esebituri stess kienu jiftħu l-bibien u jħalluhom hekk biex joħorġu jpejjpu. Aħna bdejna nagħmlu surveillance tagħha imma kienet beyond our control ghax l-MFCC mhux 4 sqm, hemm il-kobor

56. Ħarsa lejn il-kuntratt tindika illi l-ftehim dwar miżuri ta' sigurtà kien is-segwenti:

> "6.0 Payments
>
> ...
>
> 10) 1 Gate Security - Static

11) 1 Security **-** Roaming
...

**Schedule I**

**CLIENTS RIGHTS AND OBLIGATIONS**

The Client shall:

XI. **Unless such servicess are contracted to be provided solely by the MFCC** under this Agreement, the Client shall **be** responsible throughout the Period of Use for keeping proper order at the Venue and providing sufficient supervision and stewarding or additional stewarding where appropriate
PROVIDED ALWAYS THAT at all times during the Period of Use the Client shall keep all parts of the Venue free and open to the access and attendance of emergency services officers and officers or servants of MFCC or anyone to whom MFCC shall allow access for any purpose and further to allow MFCC access to do any repairs, decoration and maintenance;

**Schedule II**
**MFCC'S RIGHTS AND OBLIGATIONS**

**Schedule III**

**SERVICES PROVIDED BY THE MFCC**

I THE VENUE

Hire of the Venue covering areas marked in Schedule IV and listed below:

F Qty I Security during the opening hours of the Event and Qty I at the gate of the South Entrance

**...**

V. SECURITY SERVICES

The MFCC will provide the security services for the event. **<u>The MFCC will agree with Client full security detail for the event day, positioning of personnel access control</u>**. **<u>All personnel will be radioed with the Event Manager and Venue Manager.</u>**

The security personnel will not carry out entrance ticket checks. The Client must handle door ticket checking.*"*

57. Minn dawn il-klawżoli tirriżulta xi ftit ta' ambigwità fis-sens illi filwaqt li jingħad illi l-intimat huwa responsabbli *"Unless such Services are contracted to be provided solely by the MFCC under this agreement ... for keeping proper order at the Venue and providing sufficient supervision and stewarding",* band' oħra jingħad illi "*The MFCC will provide the security services for the event*". Fil-fehma tal-Qorti, il-kliem "*unless such Services are contracted to be provided solely by the MFCC under this agreement"* jipprovdu għal possibilità illi fil-kuntratt stess is-sigurtà tiġi afdata f'idejn il-kumpanija rikorrenti, xi ħaġa li filfatt tirriżulta fil-klawżola V fuq imsemmija fejn b'mod ċar hemm indikat illi *"The MFCC will provide the Security Services for the event"*. Mhuwiex il-każ għalhekk dak li qal Eric Bartoli illi "*s-security tal-post ma kienx fil-kompitu tal-MFCC"*.

58. Is-*security services* li kienet responsabbli għalihom ir-rikorrenti kienu però limitati għall-provvista ta' żewġ uffiċjali tas-sigurtà waqt il-ħin tal-avveniment, wieħed li jkun għassa idur il-*venue* u l-ieħor stazzjonat ħdejn ir-rixtellu tas-*South Entrance.* Mix-xhieda tal-intimat jirriżulta ukoll illi anke hu kellu l-uffiċjali tas-sigurtà tiegħu jduru waqt il-ħin tal-avveniment. Importanti jingħad ukoll illi l-uffiċjali ta' sigurtà tar-rikorrenti ma kellhom l-ebda responsabiltà għall-biljetti tad-dħul inkluż sabiex jiċċekkjaw illi l-persuni li jkunu daħlu jkunu xtraw biljett tad-dħul.

59. L-intimat iwaħħal fir-rikorrenti illi peress illi l-bibien tas-sigurtà ma kienux jingħalqu, kienu qegħdin jidħlu in-nies minn barra mingħajr ma jħallas u għalhekk fil-fehma tiegħu *"żgur mhux forsi dan wassal biex ħafna nies daħlu mingħajr ma ħallsu*". Daqstant ieħor twaħħal fir-rikorrenti, mart l-intimat, peress illi skond hi r-rikorrenti kellha tipprovdi *security officer* għassa magħhom biex tara li ma jidħlux nies. Il-Qorti ma tistax taqbel ma dawn l-asserzjonijiet min-naħa tal-intimat. Ibda biex, il-kuntratt stess kien jipprovdi għal żewġ uffiċjali tas-sigurtà, wieħed għassa mar-rixtellu tas-*South Gate* u ieħor li jdur mal-*venue,* li jfisser li ma kien hemm l-ebda ftehim illi jkun hemm uffiċjal mad-diversi bibien tas-sigurtà (għalkemm biex jingħad kollox kienet

tkun impossibbli għal persuna waħda li tkun mal-bibien kollha tas-sigurta preżenti fil-*venue*). Inoltre il-kuntratt stess kien jipprovdi illi l-uffiċjali tas-sigurtà tar-rikorrenti ma kienux responsabbli li jiċċekkjaw li n-nies li jkunu daħlu jkunu ħallsu l-biljett tad-dħul. Bħala miżura ta’ sigurtà il-bibien ma setgħux jinżammu magħluqa. Ma jistax ma jingħadx ukoll illi l-intimat kien xott ħafna fil-provi tiegħu li ressaq dwar il-volum ta’ nies li daħlu mingħajr ma jħallsu. Hemm qbil bejn il-kontendenti illi kien hemm żgur persuna waħda li daħlet mingħajr ma ħallset (xi ħaġa li kkonferma Gunther Micallef Decesare peress illi kien preżenti meta ġara l-inċident). Oltre minn hekk ma tressqitx prova konklussiva dwar in-“*numru sostanzjali ta’ viżitaturi*” li skond mart l-intimat, daħlu mingħajr ma ħallsu.

60. Il-Qorti għalhekk ma tqisx li kien hemm xi inadempjenza kuntrattwali min-naħa tar-rikorrenti f’dan ir-rigward.

*Vending machines u konċessjoni tal-catering*

61. Skond klawżola 6.1 tal-kuntratt:

> **“6.1 Catering Concessions -**
> All catering concessions (including bars) at the venue will be fully owned and operated by Corinthia Caterers.
>
> The Malta Tattoo Expo shall receive a commission of a total €5,500 excluding VAT from Corinthia Caterers. This amount shall be received by MFCC and deducted from the full and final balance on 7th October 2018.”

62. Il-ħlas tal-*commission* huwa applikabbli biss għas-sena 2018 (l-ewwel sena tal-kuntratt) u għalhekk wieħed kien jistenna illi l-partijiet jemendaw il-kuntratt biex jirrifletti aħjar l-iskeda ta’ pagamenti prospettati għas-sena 2019. Madanakollu jidher li dan ma sarx għaliex ir-rikorrenti għamlet kuntatt mal-intimat qabel l-avveniment tal-2019 biex tinfurmah illi kuntrarjament għal dak li kien ġara fl-2018, fl-2019 l-MFCC ma kienitx ħa tibqa’ tieħu ħsieb il-*catering*. Fl-ewwel *affidavit* tiegħu l-intimat qal li ġie infurmat b’dan fl-istess laqgħa li kellu mal-MFCC meta kienu offrewlu ukoll skont sabiex ibiddel id-dati tal-avveniment. Sussegwentement fit-22 ta’ Lulju 2019

ġie ffirmat *addendum* f'dan ir-rigward[37]. Minn dan l-*addendum* joħroġ illi l-laqgħa in kwistjoni saret fid-**<u>19 ta' Frar 2019.</u>** Dan ifisser illi l-intimat ġie infurmat bid-deċiżjoni tar-rikorrenti li ma tieħux ħsieb il-*catering* għall-avveniment tal-2019 kważi tmien (8) xhur qabel l-avveniment innifsu.

63. Qed jingħad dan għaliex f'dan il-perjodu l-intimat kellu kull ċans jipprotesta din il-"bidla" unilaterali li skond hu ġiet imposta fuqu mir-rikorrenti, u jinsisti li din tirrispetta l-kuntratt. Minkejja l-lamenteli tiegħu fl-istess *affidavit,* il-fatti juru bil-kontra u ċioe illi l-intimat **<u>aċċetta</u>** ukoll din il-bidla fil-kuntratt.

64. Fi kwalunkwe każ, l-intimat ma ressaq l-ebda prova, imqar waħda minima, sabiex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu li minkejja li għall-avveniment in kwistjoni suppost kellu jdaħħal l-introjtu mid-*drinks* u l-ikel kollu hu (ġaladarba ħa ħsieb il-*catering* huwa stess tramite kuntrattur tiegħu), spiċċa biex jagħmel it-telf b'kaġun tad-deċiżjoni tar-rikorrenti li tħalli l-*catering* f'idejh.

65. Rigward it-telf li jgħid li sofra minħabba li n-nies bdew jixtru l-ikel u x-xorb mill-*vending machines*, għal darb' oħra ma tressqux provi konklussivi f'dan ir-rigward. Il-Qorti kienet tistenna illi allegazzjoni bħal din tkun sostanzjata b'figuri dwar l-ammonti li ntefqu għall-*bar* u għall-ikel, l-introjtu li ġie perċepit inkluż il-bejgħ li sar u l-ammonti li ġew kalkolati bħala telf. Il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjonijiet tagħha a bażi ta' konġetturi u figuri mhux sostanzjati. Apparti minn hekk ma jirriżultax illi r-rikorrenti kienet qatt intrabtet illi tneħħi l-*vending machines* mill-*venue* minkejja li ma kienetx ser toffri l-*catering* għall-avveniment in kwistjoni. Jekk l-intimat pretendiex li jsir hekk hija kwistjoni oħra, iżda li huwa żgur li ma kien hemm ebda impediment kuntrattwali f'dan ir-rigward. Inoltre jidher illi l-*vending machines* li kienu preżenti, kienu f'*service area* li ma kellix tkun aċċessibbli għall-viżitaturi tal-expo, apparti li kienu neċessarji sabiex jaqdu lil klijenti oħra tar-rikorrenti li kienu qed jippreparaw għal avvenimenti oħra fil-qrib

*Problema bit-toilets*

[37] Fol 54

66. Skond l-intimat u martu Krissie Allison Gouder, kien hemm problema ta’ għargħar fit-*toilets* li ndunaw biha meta wieħed mill-esebituri li kien viċin tagħhom kien infurmahom b’riħa li kienet ħierġa mill-istess *toilets.* Meta marru jispezzjonaw it-*toilets* sabuhom mgħarrqa bil-ħmieġ tan-nies. Il-Qorti tifhem illi f’avvenimenti tal-massa din hija problema illi faċilment tista’ tinqala’ iżda daqstant ieħor tista’ tissolva b’attenzjoni immedjata minn min hu responsabbli għaż-żamma tat-tindif.

67. Minkejja l-lamenteli tagħhom, l-intimat ma xeħtu l-ebda dawl fuq jekk din il-problema baqgħetx tippersisti matul il-ġranet kollha tal-avveniment jew jekk il-problema kienetx qed tiġi injorata mir-rikorrenti. Għall-kuntrarju, skond Gunther Micallef Decesare din kienet problema minuri illi ġrat meta kien hemm is-sadd f’*toilet* partikolari u ssolviet b’mod immedjat min-nies tal-*maintenance* appena ġew infurmati bl-akkadut. Għalhekk ma tressqet l-ebda prova illi kien hemm xi nuqqas mir-rikorrenti f’dan ir-rigward.

*Problema bis-servizz tal-wifi*

68. Bejn il-kontendenti kien hemm ftehim illi l-esebituri jingħataw vouchers b’kodiċi li jistgħu jużaw sabiex ikollhom konnessjoni privata bil-*wifi.* Din kienet iżjed veloċi mill-konnessjoni pubblika tal-*wifi* li kien hemm fil-*venue.*

69. Il-ftehim kien li r-rikorrenti tiċċarġja lill-intimat biss għal dawk il-*vouchers* li jkun biegħ lill-esebituri. Apparti hekk mid-dokumenti esebiti jidher ukoll illi kienet inħarġet fattura għall-ammont ta’ € 295 (inkluż il-VAT) għal *“IT Internet Setup”.*

70. Skond l-intimat fit-tielet ġurnata tal-avveniment, għall-ħabta ta’ nofsinhar, din il-konnessjoni privata ma baqgħetx taħdem u l-problema baqgħet hekk għal diversi siegħat (sas-sitta ta’ filgħaxija) tant illi kellu joqgħod idur mal-esebituri biex jofrilhom konnessjoni mill-*mobile* tiegħu. Skond ir-rikorrenti dan ġara minħabba illi bi żvista, s-*settings* tal-konnessjoni kienu saru b’tali mod illi din tingħalaq f’nofsinhar minflok f’nofsillejl (ossia’ wara t-tmiem tal-avveniment. Min-naħa tiegħu Eric Bartoli qal illi l-konnessjoni reġgħet ġiet riattivata fit-3 ta’ waranofsinhar u li l-esebituri xorta kellhom aċċess għal konnessjoni relattivament veloċi (tramite il-*wifi* pubbliku) matul il-ħin kollu.

71. Il-Qorti tikkunsidra illi anke jekk kien hemm problema għal xi siegħat bin-nuqqas tal-provvista ta' *internet* veloċi, ma jistax jingħad illi din kienet waħda li tolqot b'mod serju u sostanzjali l-obbligazzjonijiet tar-rikorrenti partikularment meta jitqies illi l-avveniment kien mifrux fuq tlett ijiem u mhux fuq ftit siegħat.

**Kunsiderazzjoni ulterjuri**

72. Minkejja illi l-intimat kellu l-oneru li jsostni l-allegazzjonijiet magħmula minnu fir-rigward tal-inadempiment kuntrattwali tar-rikorrenti, il-Qorti tħoss illi l-istess intimat ftit li xejn ressaq provi sabiex jaġevolaw il-pożizzjoni tiegħu. Wieħed kien jistenna illi f'kuntest ta' avveniment li għalih kienu mistednin numru mdaqqas ta' esibituri lokali u internazzjonali, ma kelliex tkun daqstant diffiċli għall-intimat illi jressaq in-nies sabiex jixhdu fuq in-nuqqasijiet li skond hu kienu tant kbar illi joqtlu l-pretensjoni tar-rikorrenti għall-prezz tal-bilanċ.

73. Jidher ċar ukoll illi l-aġir tal-intimat kemm qabel u kemm waqt l-avveniment ma kienx wieħed li juri xi opposizzjoni, protesta jew kontestazzjoni dwar dawn l-allegat nuqqasijiet. Tant hu hekk illi fl-aħħar ġurnata huwa ħallas € 15,560 fi flus kontanti lir-rikorrenti u fl-ebda stadju ma wera li ma kienx lest iħallas il-bilanċ. Anzi, *ex-admissis* huwa informa lil Anita Mifsud (il-persuna li marret tiġbor il-flus) illi l-bilanċ kien ser jitħallas appena jirċievi l-flus minn dawk li kienu għamlu l-ħlasijiet *online* jew permezz tal-bank.

74. Il-Qorti hija konvinta illi jekk kien hemm xi nuqqasijiet, dawn kienu ta' portata żgħira u bl-ebda mod ma jolqtu l-prestazzjoni tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali li daħlet għalihom ir-rikorrenti.

75. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ammonti elenkati fil-prospett a fol 46 ġew sodisfaċentement ippruvati u l-bilanċ ta' € 13,959.28 huwa tabilħaqq dovut lir-rikorrenti mill-intimat.

**Deċiżjoni**

76. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u:**

   a. **Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tagħha fl-ammont ta' tlettax -il elf disa' mija disgħa u ħamsin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€13,959.28, inkluż il-VAT) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi mogħtija lilu in konnessjoni maż-żamma tal-*Malta Tattoo Expo 2019*;**

b. **Tikkundanna lill-intimat jħallas dan l-ammont lir-rikorrenti bl-imgħax legali dekoribbli mit-13 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Fir-rigward tal-ispejjeż tal-kawża, għajr għal dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali li prova tagħha baqgħet ma tressqitx u għal dawk li jissemmew fid-digriet tat-13 ta' Frar 2023, dawn ikunu a kariku tal-intimat.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace
Maġistrat | Dep Reġistratur